Kunsill Lokali

# SAN PAWL IL-BAĦAR


**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar,**
**SPB 3411 Malta, Europe**

sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888


# Rapport Amministrattiv
# Sena 2019

Werrej


| | | |
|---|---|---|
| 1.0 | Il-Kunsill | 3 |
| 1.1 | Kumitati/Sotto Kumitati u Responsabbiltajiet | 3 |
| 1.2 | Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill | 5 |
| 1.3 | Live Streaming | 6 |
| 2.0 | Il-Ħidma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill | 6 |
| 2.1 | Ilmenti u Suġġerimenti | 7 |
| 2.1.1 | Lampi u Bozoz tat-toroq | 7 |
| 2.1.2 | Works Orders | 7 |
| 2.1.3 | Claims | 8 |
| 2.1.4 | Permessi | 8 |
| 2.1.5 | Xogħol ta' tindif u manutenzjoni | 9 |
| 2.1.6 | Skart | 9 |
| 2.1.7 | Bulky Refuse | 9 |
| 2.2 | Laqgħat | 10 |
| 2.3 | Skemi | 11 |
| 2.4 | Ħidma Edukattiva u Soċjali | 11 |
| 2.5 | Xogħlijiet Infrastrutturali u Ambjent | 12 |
| 2.6 | Xiri – Kwotazzjonijiet u Tenders | 13 |
| 3.0 | Attivitajiet | 14 |
| 3.1 | Safar | 16 |
| 4.0 | Rizorsi Umani | 16 |
| 5.0 | Finanzi | 16 |
| 6.0 | Konklużjoni | 17 |

ANNESS I - Rapporti ta' Ħidma tal-Kunsilliera

ANNESS II - Work Orders

ANNESS III - Kwotazzjonijiet

ANNESS IV - Skeda ta'ġbir tal-iskart


**Abbrevjazzjonijiet**

RFQ - Request for Quotations

CMD - Cleansing and Maintenance Department

MTA - Malta Tourism Authority

FTZD - Foundation for Tourism Zones Development

AB
A.G.

## 1.0 Il-Kunsill

**Introduzzjoni**

Is-Sena elfejn u dsatax (2019) kienet ikkaratterizzata minn bdil fit-tmexxija ta' bosta Kunsilli Lokali madwar Malta u Għawdex. Dan ġara minħabba l-elezzjonijiet li saru fis-16 ta' Mejju 2019. Dan il-bdil ġab miegħu wkoll tibdiliet fi proċessi u responsabbiltajiet ġodda tal-Kunsill imnissla minn Riforma tal-Gvern Lokali. Għaldaqstant dan ir-Rapport Amministrattiv ser ikopri l-aħħar sitt xhur ta' ħidma tat-tminn leġiżlatura u l-ewwel sitt xhur tad-disa' leġiżlatura. Il-kompożizzjoni tal-Kumitat tal-Kunsill hija bbażata skont il-popolazzjoni kurrenti tal-lokalità ta' San Pawl il-Baħar, b'popolazzjoni ta' madwar 29,097 fix-Xitwa u 50,000 fis-Sajf.

Il-Kunsill elett matul it-tminn leġiżlatura beda jopera b'effett mill-5 ta' Mejju 2015. Din il-leġiżlatura kellha terminu ta' erbgħa snin, jiġifieri sas-sena 2019.

Dan il-Kunsill kien magħmul mis-Sindku Anne Marie Fenech (minn Marzu 2018), Viċi Sindku Perit Daniel Grima (minn Marzu 2018), u ħdax-il Kunsilliera eletti: Graziella Galea, Alfred Grima, Mandy Buhagiar, Paul Bugeja, Dr Robert Piscopo, Antoinette Bezzina, Joseph Vella, Rodney Galea, Dounia Borg u Edward Bugeja.

Il-Kunsill elett matul id-disa' leġiżlatura beda jopera b'effett mill-1 ta' Lulju 2019. Din il-leġiżlatura hija ppjanata li jkollha terminu ta' ħames snin, jiġifieri sas-sena 2024.

Dan il-Kunsill huwa magħmul mis-Sindku Alfred Grima, Viċi Sindku Daryl Connor u ħdax-il Kunsilliera: Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Carlos Zarb, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Mario Salerno, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni u Antoinette Bezzina.

L-amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hija mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv Mariella Strout. Il-ħidma tagħha f'din il kariga bdiet fl-4 ta' Ġunju 2018. Hija assistita minn Assistant Principal, Uffiċjal Eżekuttiv u sitt skrivani fix-xogħol tal-uffiċċju.

### 1.1 Kumitati / Sotto-Kumitati/Responsabbiltajiet

**It-8 leġiżlatura**

Biex jgħinu fil-ħidma tiegħu, il-Kunsill ħatar Kumitati/Sotto-Kumitati ġodda, bil-għan li jipproponu, jiddiskutu u jassistu lill-Kunsill fit-tħejjija tal-pjanijiet tiegħu sabiex ikunu mwettqa dawk ir-responsabbiltajiet fdati lill-Kunsill, bħala Gvern Lokali.

| Responsabbiltajiet fl-2019 | Board jikkonsisti minn: |
|---|---|
| Attivitajiet li jsiru f'isem il-Kunsill Lokali | Is-Sindku Anne Marie Fenech, u l-Kunsilliera Dounia Borg, Joseph Vella u Edward Bugeja |
| Anzjanità attiva (inkluż ħarġiet għall-anzjani) | Il-Kunsilliera Antoinette Bezzina |
| Ingaġġ tal-ħaddiema tal-Kunsill Lokali | Is-Sindku Anne Marie Fenech, u l-Kunsilliera Stephen Cremona u Dr Robert Piscopo |
| Infrastruttura | Il-Viċi Sindku Perit Daniel Grima, u l-Kunsilliera Alfred Grima u Paul Bugeja |
| Claims | Il-Kunsilliera Dounia Borg, Dr Robert Piscopo u Stephen |



YS
A.G.

| | |
|---|---|
| | Cremona |
| Żgħażagħ u Twinning | Is-Sindku Anne Fenech u l-Kunsillier Joseph Vella |

**Il-Kumitat Amministrattiv ta' Burmarrad** jikkonsisti miċ-Chairperson, is-Sna Simone Aquilina u l-membri, is-Sur George Zahra, il-Kunsillier Rodney Galea u s-Sur Michael Borg Olivier.

Ambaxxatur taż-żgħażagħ – is-Sur Carlos Zarb: Inħatar fl-1 ta' Awwissu 2018 u baqa' f'din il-kariga sal-aħħar ta' Ġunju 2019.

F'Awwissu 2018 inħatar Kumitat Żgħażagħ li kien kompost mis-Sur Carlos Zarb (Ambaxxatur)

- Is-Sur Jordan Gatt (P.R.O)
- Is-Sur Harley Casha (K.K.D)
- Is-Sur Landie Pulis (P.R.O)
- Is-Sa Shakira Camilleri (Viċi President)
- Is-Sur Francesco Catania (Uffiċjal tal-Finanzi)
- Is-Sur Liam Dimech (K.I.P)
- Is-Sa Christina Muscat (C.O.E)
- Is-Sa Megan Galea (Segretarja)

**Id-9 leġiżlatura**

| **Responsabbiltajiet** | **Ismijiet** | **Kumitati u Bordijiet** | **Board jikkonsisti minn:** |
|---|---|---|---|
| L-Indafa | Kunsillier Stephen Cremona | Bord tal-Infrastruttura | **Sindku** Alfred Grima, **Kunsilliera** Anthony Delia, Paul Bugeja u Membri Charlie Galea, Perit Joseph Cuschieri |
| L-Ambjent | Kunsillier Mario Salerno | Bord tal-Attivitajiet | **Viċi Sindku** Daryl Connor, **Kunsillier** Anne Fenech, Membri Pierre Bonnet, Charlo Spiteri u Joseph Vella |
| Iż-Żgħażagħ u t-Tfal | Kunsillier Carlos Zarb | Bord ta' Ingaġġ ta' ħaddiema | **Sindku** Alfred Grima, Kunsilliera Alfred Bray u Anne Marie Fenech |
| Sports u Attivitajiet Fiżiċi | Kunsillier Carlos Zarb | Bord Skemi u Fondi Finanzjarji | **Kunsillier** Mario Salerno, **Kunsillier** Chris Vella Petroni/ sostitut Anthony Angelo Attard. Membri Antonio Enrico, Frans Borg, Simone Aquilina |
| L-Innovazzjoni | Kunsillier Chris Vella Petroni | Bord ta' Ġemellaġġi | **Kunsilliera** Paul Bugeja, membru Joseph Vella, ES Reġun George Abdilla |
| L-Infrastruttura | Sindku Alfred Grima | Kumitat Ħidma Buġibba u Qawra | **Viċi Sindku** Daryl Connor, Kunsillier Chris Vella Petroni , Residenti Charlie Galea, Josette Vella u David Busuttil |
| Proġetti | Sindku Alfred Grima | Kumitat Zgħazagħ | **Kunsillier** Carlos Zarb, **Ambaxxatur taz-Zgħazagħ** Shakira Grace Camilleri, membri Harley-Davidson Casha, Christina Muscat, Francesco Catania, Jordan Gatt, Landie Pulis, Liam Dimech, Megan Galea. |



A.G.

| | | | |
|---|---|---|---|
| L-Anzjani | Kunsillier Antoinette Bezzina | Kumitat Ħidma Xemxija, Limbordin | Chairperson Stephen Cremona |
| L-Edukazzjoni | Kunsillier Mario Salerno | Bord ta' Aġġudikazzjoni | Chairperson: Kunsillier Paul Bugeja, Segretarju Mariella Strout, aġġudikaturi: Robert Ciantar sostitut Perit Daniel Grima, Dr Robert Piscopo sostitut Dr Fiona Armeni: Mr Charles Galea sostitut Romina Perici Ferrante. |
| Il-Kultura | Kunsillier Mario Salerno | | |
| Komunitajiet | Kunsillier Graziella Galea | | |
| Il-Qasam Soċjali | Kunsillier Anthony Delia | | |
| L-Integrazzjoni Soċjali | Kunsillier Anthony Angelo Attard | | |
| Il-Ħarsien tal-Annimali | Kunsillier Anne Marie Fenech | | |

### 1.2 Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill

Bejn l-1 ta' Jannar u Ġunju 2019 inżammu 14-il laqgħa tal-Kunsill Lokali, li 2 minnhom kienu b'urġenza. L-attendenza kienet hekk kif murija fit-tabella t'hawn taħt.

## Tabella tal-attendenza tal-Kunsilliera

**L-attendenza tal-Kunsilliera matul is-sena 2019 – Leġiżlatura 8 - Jannar sa Ġunju**

| Kunsillier | Laqgħat | Preżenti | Skużat/a | Assenti |
|---|---|---|---|---|
| Anne Marie Fenech | 14 | 14 | 0 | 0 |
| Daniel Grima | 14 | 4 | 8 | 2 |
| Graziella Galea | 14 | 11 | 3 | 0 |
| Alfred Grima | 14 | 9 | 5 | 0 |
| Paul Bugeja | 14 | 5 | 9 | 0 |
| Mandy Buhagiar | 14 | 2 | 12 | 0 |
| Robert Anthony Piscopo | 14 | 1 | 10 | 3 |
| Stephen Cremona | 14 | 7 | 7 | 0 |
| Joseph Vella | 14 | 9 | 5 | 0 |
| Antoinette Bezzina | 14 | 11 | 3 | 0 |
| Rodney Galea | 14 | 9 | 5 | 0 |
| Edward Bugeja | 14 | 1 | 7 | 6 |
| Dounia Borg | 14 | 6 | 8 | 0 |

**Il-Kumitat Amministrattiv ta' Burmarrad** jikkonsisti minn Chairperson is-Sna Simone Aquilina u Membri is-Sur George Zahra, il-Kunsillier Rodney Galea u s-Sur Michael Borg Olivier.
**Ma sarux laqgħat bejn Jannar 2019 u Ġunju 2019.**

**L-attendenza tal-Kunsilliera matul is-sena 2019 – Leġiżlatura 9 - Lulju sa Diċembru**
Bejn l-1 ta' Lulju u Diċembru 2019 inżammu 10 laqgħat tal-Kunsill Lokali, li 1 minnhom kienet b'urġenza.

L-attendenza kienet hekk kif murija fit-tabella t'hawn taħt.

| Kunsilliera | Laqgħat | Preżenti | Skużat/a | Assenti |
|---|---|---|---|---|
| Alfred Grima | 10 | 10 | 0 | 0 |
| Daryl Connor | 10 | 10 | 0 | 0 |
| Graziella Galea | 10 | 10 | 0 | 0 |
| Anne Marie Fenech | 10 | 8 | 2 | 0 |
| Carlos Zarb | 10 | 10 | 0 | 0 |
| Mario Joseph Salerno | 10 | 9 | 1 | 0 |
| Anthony Delia | 10 | 9 | 1 | 0 |
| Alfred Bray | 10 | 10 | 0 | 0 |
| Paul Bugeja | 10 | 10 | 0 | 0 |
| Stephen Cremona | 10 | 7 | 2 | 1 |
| Anthony Angelo Attard | 10 | 10 | 0 | 0 |
| Christopher Vella Petroni | 10 | 10 | 0 | 0 |
| Antoinette Bezzina | 10 | 10 | 0 | 0 |

### 1.3 Live Streaming

Il-Kunsill baqa' jxandar il-laqgħat tiegħu permezz tal-internet. Ix-xandir tal-laqgħat tal-Kunsill huwa aċċessibbli permezz ta' din il-link:

http://sanpawl.ifnetworks.net

## 2.0 Il-Ħidma mill-Uffiċċju Amministrtativ tal-Kunsill - Servizz lill-Komunità

### It-8 leġiżlatura

Intbagħtu mat-3,625 **ittra/imejl** u ġew irreġistrati 6,957 korrispondenza oħra, filwaqt li ġew ipproċessati mal-**permessi** dwar xogħlijiet varji fil-lokalità. Il-permessi kienu jinkludu dawk relatati ma' krejnijiet, scaffoldings, attivitajiet, tqegħid ta' skips u tħaffir ta' toroq.

Kwalunkwe ċittadin għandu l-faċilità li jiġbor diversi applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tal-Kunsill.

### Id-9 leġiżlatura

Intbagħtu mal-4,182 **ittra/ imejl** u ġew irreġistrati 6,732 korrispondenza oħra, filwaqt li ġew ipproċessati mal-**permessi** dwar xogħlijiet varji fil-lokalità. Il-permessi kienu jinkludu dawk relatati ma' krejnijiet, scaffoldings, attivitajiet, tqegħid ta' skips u tħaffir ta' toroq.

Kwalunkwe ċittadin għandu l-faċilità li jiġbor diversi applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tal-Kunsill.

### 2.1 Ilmenti u Suġġerimenti

Matul is-sena 2019, il-Kunsill irċieva numru sustanzjali ta' lmenti u suġġerimenti. Dawn jintlaqgħu b'mezzi bħat-telefon, imejls, minn fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill,dawk li jiġu direttament l-Uffiċċju tal-Kunsill, mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u entitajiet Governativi oħra. Fl-ewwel sitt xhur il-Kunsill kien jirċievi lmenti dwar, l-istat tat-toroq, skart, skart goff u kull xorta ta' vandaliżmu. Bħalma kien qed jiġri matul is-sena 2018, il-latrini tal-

lokalità baqgħu jiġu vvandalizzati. Minn Lulju 2019 wieħed jinnota li dawn l-ilmenti naqsu drastikament, anke l-vandaliżmu fuq il-latrini m'għadux jiġi rappurtat.

Kien jinħass il-bżonn li jisaħħaħ il-front office tal-Kunsill sabiex ir-resident ikun jista' jingħata servizz malajr u effiċjenti. Għalhekk ġew ingaġġati iktar skrivani fl-aħħar sitt xhur tas-sena 2019. Dan il-pass jidher li qed iħalli riżultat pożittiv.

Jista' jkun li wħud minn dawn l-ilmenti baqgħu ma ġewx solvuti sal-aħħar tas-sena 2019, iżda żgur li kullħadd jipprova jagħmel l-almu tiegħu kollu sabiex ir-residenti jinqdew fil–pront.

### 2.1.1 Lampi u bozoz tat-toroq

Ġew mgħoddija 136 ilment mill-kuntrattur tal-Kunsill bejn Jannar u Ġunju 2019 u bejn Lulju u Diċembru ġew mgħoddija 100 ilment

Rikjesti għal-lampi fuq l-arbli bejn Jannar u Ġunju 2019 kien hemm 6 u bejn Lulju u Diċembru kien hemm 1.

### 2.1.2 Work Orders

**It-8 leġiżlatura**




| | |
|---|---|
| Pendenti | 148 |
| Kanċellati | 2 |

**Id-9 leġiżlatura**




**1 ta' Lulju 2019 sas- 26 ta' Diċembru 2019**

| | |
|---|---|
| Totali | 693 |
| Konklużi | 551 |
| Pendenti | 142 |
| Kanċellati | 0 |

### 2.1.3 Claims relatati ma' vetturi

01/01/2019 - 30/06/2019

Ħlas fi Claims

Claims ammont imħallas € 13,040.59

01/07/2019 - 31/12/2019

Ħlas fi Claims

Claims ammont imħallas € 641.49

### 2.1.4 Permessi maħruġa mill-uffiċċju tal-Kunsill

Jannar 2019 sa Ġunju 2019

| Nru ta' Permessi | Trasferiment Bankarju | Ammont totali f'Permessi |
|---|---|---|
| 3988 | € 928,669.19 | € 183,380.81 |

Lulju 2019 sal-aħħar ta' Diċembru 2019

| Nru ta' Permessi | Trasferiment Bankarju | Ammont totali f'Permessi |
|---|---|---|
| 3488 | € 935,673.00 | € 99,006.95 |



A.G.

### 2.1.5 Xogħol ta' tindif u manutenzjoni mwettqa mill-Kunsill

- Tindif u manutenzjoni ta' Soft Areas. Din is-sena sar xogħol ta' rutina.
- Tindif u manutenzjoni tal–pjazza ta' Burmarrad fosthom, il funtana, il-bankijiet, bdil ta' lampi u żebgħa tal-bankijiet u l-ħitan mad-dawra.
- Manutenzjoni fir-roundabout Wesgħa Doris Zarb
- Manutenzjoni f'tal-Vecc playing field Qawra
- Manutenzjoni fuq-Gallerija ta' maġenb it-Torri WignaCourt mill-MTA u saret spezzjoni minn Inġinier
- Il-lokalità kienet milquta minn maltempata fi Frar 2019. Dan il-maltemp ħalla ħafna ħsarat madwar il-kosta u fuq diversi għamara tat-triq u tabelli. B'koperazjoni bejn CMD, MTA, FTZD u l-ħaddiema tal-Kunsill din il-ħsara ssewwiet.
- Bdil ta' manholes u ntlaħaq ftehim mas-service providers sabiex jagħtu attenzjoni lill-manholes li jaqgħu fir-responsabbiltà tagħhom.

### 2.1.6 Skart

- Fil-31ta' Ottubru 2018 ġiet introdotta skeda nazzjonali ġdida ta'ġbir ta' skart. L-iskrivani tal-Kunsill għamlu minn kollox sabiex jgħaddu l-informazzjoni korretta lir-residenti.
- L-uffiċċju tal-Kunsill ħa ħsieb li jipparteċipa f'tqassim ta' Sort it Out bins ( skema Wasteserve) li residenti ta' lokalita.
- F'Frar ġie ffirmat Ftehim dwar il-Ġbir tal-iskart riċiklabbli mal-Kumpanija Green MT wara li kienet issottomettiet proposta
- F'April 2019 il-Kunsill ippubblika ittra dwar l-iskeda tal-iskart u ntbagħatet f'kull dar. (Annessa ma' dan ir-Rapport )
- Il- problema tal-iskart hija waħda inkwetanti fil-lokalità tant li l-Kunsill ikollu jagħmel ġbir addizzjonali sabiex iżomm il-lokalità nadifa.
- Tneħħew il-bring in sites madwar il-lokalità għaliex dawn kienu qed iservu ta' dumping sites.
- F'Awissu 2019 is-Sindku sejjaħ laqgħa mal-*istakeholders* kollha tal-iskart, id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u entitajet bħall-Wasteserve. Waqt din il-laqgħa ġie diskuss il-frekwenza tal-ġbir u kif l-aħjar tista' tiġi indirizata il-probema tal-iskart

| Kolletur/Tunellati skart u skart goff | Data: Jannar sa Ġunju | Data: Lulju sa Diċembru |
|---|---|---|
| Ħaddiema tal-Kunsill | 80,900 | 81,260 |
| Contractor Bulky | 35,800 | 53,000 |
| Household Waste | 3,339,460 | 4,833,539 |
| Contractor Organic | 487,020 | 548,460 |

### 2.1.7 Bulky Refuse

**Kollezjoni ta' Bulky Refuse mill-kuntrattur tal-Kunsill**

Jannar sa Ġunju għal bulky inġabru 3,385 - Wee nġabru 1,501

Lulju sa Diċembru għal bulky inġabru 4.239 - Wee nġabru 1,848

## 2.2 Laqgħat

**It-8 leġiżlatura**

L-Aministrazzjoni ħadet ħsieb sabiex torganizza diversi laqgħat ma' diversi stakeholders kif ukoll kienet parteċipi f'laqgħat fejn ġiet mistiedna. Dawn kienu jinkludu laqgħat ma' Infrastructure Malta, mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, ma' Transport Malta, mal-MTA, mal-Awtorità tal-Ippjanar, mal-GreenMT, mal-Wasteserve, mal- LESA, mal-Pulizija tal- Lokalità, mad-Direttur Qawra Leap, ma' Faces (Bus shelters), mal-Periti u l-Accountant tal-Kunsil, ma' kuntratturi li għandhom kuntratt mal-Kunsill u kif ukoll ma' diversi entitajiet oħra.

L-uffiċju tal-Kunsill ġie msejjaħ jibgħat rappreżentant sabiex jixhed fil-qorti fuq każijiet li jkunu mressqa mill-Pulizija kif ukoll dwar każijiet li huwa involut il-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv attendiet Seminar - DLG, 6th Mediterranean Tourism Forum, laqgħat dwar organizzazzjoni ta' UIM Powerboat International, Seminar- Strateġija ta' Skemi, laqgħa MSDEC dwar Earth Day – Beach Clean up in St Paul's Bay, tnedija preżentazzjoni ta' fondi Sirens, Seminar – Work placement Awards MCAST, tnedija ta' Passaport għall-Kbar, Konferenza Stampa CMD, Ċerimonja ta' Ġurament Kunsill Ġdid *Mock Session,* Planning Authority Meeting u Ċerimonja Ġurament Kunsill Lokali.

**Id-9 leġiżlatura**

L-Amministrazzjoni kellha laqgħa ma' kuntrattur tat-telefonija u l-IT li bħalissa għandu kuntratt mal-Kunsill. Laqgħa dwar inizjattiva LGBTIQ, laqgħa mal-Kap tal-Iskola Primarja ta' San Pawl il-Baħar. Is-Segretarju Eżekuttiv ma kellha ebda laqgħa ma' stakeholders.

L-uffiċju tal-Kunsill ġie msejjaħ jibgħat rappreżentant sabiex jixhed fil-qorti fuq każijiet li jkunu mressqa mill-Pulizija. Is-Segretarju Eżekuttiv attendiet, Seminar organizzat mid-Direttorat għall-Fondi Ewropej, Seminar organizzat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Seminar dwar is-Servizz Pubbliku, Laqgħa miżura 4.3.

A.G.

## 2.3 Skemi

| Skemi | Reference no | Date | Status |
|---|---|---|---|
| 30 Bus Shelters Faces | | 14/02 2019 | on going |
| WIFI4EU | | 28/02/2019 | on going |
| Rebbiegħa fil-Komunita' - Xettel b'Ilwien in-Natura | SPI/05/2019 | 08/03/2019 | completed |
| Pilot Project Smart Bins fil-lokalitajiet - SPBLC applika għal 500 Smart Bin | | 08/04/2019 | on going |
| Finanzjament ta' Progetti Kapitali- Apparat għal Sistema ta' Irrigazzjoni | SPI/07/2019 | 18/04/2019 | on going |
| EOP Trees for Local Councils | 11/03/2019 | 07/05/2019 | completed |
| Applikazzjoni Library - Cirkulari Numru SPI 10/2019 Skema Finanzjarja Zvilupp ta' LibrerijI Lokali / Reġjonali f'Centri tal-Komunita' | SPI SCI/10/2019 | 20/05 2019 | on going |
| Animal Welfare Scheme LC CARE PROJECT GRANT SUPPORT SCHEME | | 12/07/2019 | n not accepted |
| Fondi għall-Attivitajiet u Inizjattivi KulturaliFondi ffinanzjati mill-Aġenzija LESA għall-Attivitajiet u Inizjattivi Kulturali u Soċjali - Grant 22,000 euro | | 29/07/2019 | Approved |
| Mandate- Admin4All Project | 55/0840/19/OMS | 30/07 2019 | withdrawn |
| Community Inclusive Employment Scheme - 2019 | SPI/SCI/14/2019 | 29/07/2019 | on going |
| Inizjattiva Finanzjarja- Local Government Culture Fund 2018-2020 | Cirkulari Numru 9/2017- It-Tieni Sejħa | | on going |
| Restoration Works Scheme for Local Councils- 2019 | SPI/SCI/12/2019 | 29/08/2019 | submissio n not accepted |

## 2.4 Ħidma Edukattiva u Soċjali

- Korsijiet tal-Lifelong Learning li saru fl-iskola primarja.
- Kors tal-kompjuter –għall-adulti u l-anzjani
- Kors tal-kompjuter – Kors tar-Robotica mat-TCTC għat-tfal bejn il-5 u 12–il sena. Dawn saru bejn Lulju u Settembru 2019 fiċ-Ċentru Leap il- Qawra
- Korsijiet tal -Mużika- Qed issiru lezzjonijiet tal-mużika b'kollaborazzjoni mal- każin tal-banda Soċjeta Mużikali
- Il-Kunsill jiprovdi it-transport għad Day Center ta' l-Anzjani
- Il-Kumitat u sotto Kumitat taż-żgħażagħ tal-Kunsill organizzaw diversi Clean-ups fil-lokalita
- Il-Kunsill ta' assistenza li diversi NGO's bħal ma huma Sea Cadets, Scouts u orginazzjoni Zibel sabiex jagħtwaw l-attivitajiet u clean ups fil- lokalita

Kien hemm self ta' kotba mil-Librerija Pubblika, li tinsab fi Triq l-Iskola, San Pawl il-Baħar.

Nixtieq infakkar li l-librerija tiftaħ nhar ta' Tlieta u Ġimgħa bejn it-8.30am u n-12.30pm, u nhar ta' Sibt bejn is-2.00pm u l-4.00pm.

**It-8 leġiżlatura**

Il-librerija pubblika bbenefikat minn skema ta' għotja ta' EUR500 mill-Kunsill Lokali sabiex ġiet installata l-arja kkundizzjonata fil-Librerija. Sar ukoll manutenzjoni (tibjid) tal-librerija.

**Id-9 leġiżlatura**

Il-librerija pubblika bbenefikat minn skema oħra sabiex issir iktar manutenzjoni u jiġu organizzati korsijiet qosra b'tema u li jinxtraw ukoll kotba fuq l-istess suġġett. Il-koordinatur ta' din l-inizjattiva huwa l-kunsillier Mario Salerno.

Il-librara: ta' min ifakkar li s-servizz tal-librar huwa ko-finanzjat mill-Kunsill Lokali.

- Korsijiet tal-Aerobics u Yoga li saru tliet darbiet fil-ġimgħa (It-Tnejn, it-Tlieta u l-Ħamis) għar-residenti ta' San Pawl il-Baħar. Dawn saru fis-sala tal-iskola (Aerobics – nhar ta' Tnejn)
- Ġie offrut is-servizz tal-vaċċin tal-influwenza, fejn numru ta' residenti bbenefikaw minn dan is-servizz.
- Taħriġ u għarfien dwar tkabbir ta' xtielli fil- ħwat lil is-studenti li attendew Skola Sajf f' Skola Primarja ta' San Pawl il-Baħar. Koordinatur ta' din l-inizjattiva Kunsillier Mario Salerno
- Sar ftehim mal-MCAST sabiex l-istudenti jaħdmu fuq proġetti bħal recyclable containers li jibdew jintużaw madwar il-lokalità – il-koordinaturi fuq din l-inizjattiva kienu s-Sindku Alfred Grima u l-Kunsillier Stephen Cremona

**2.5 Xogħlijiet Infrastrutturali u Ambjentali**

**It-8 leġiżlatura**

Saru bosta xogħlijiet infrastrutturali fil-lokalità

- Ġie iffirmat Memorandum of Understanding ma' Infrastructure Malta sabiex isir patching estensiv madwar il-lokalità. It-toroq fejn saru xogħlijiet huma Triq Isouard, Triq Toni Bajada, Triq Ċensu Tanti, Triq iċ-Cagħaq, Triq l-Ibħra, Triq il-Ġifen, Triq Sant'Antnin u Triq il-Ħalel.
- Saret bankina Triq id-Duluri
- Ġew installati CCTV cameras fil-playing ground tal-Vecc
- Triq Buswedien li kellha tkun parti mill-Miżura 4.3 toroq Żoni Rurali iżda peress li l-kuntrattur baqa' ma lestiex ix-xogħol għal diversi xhur, it-triq ġiet konkluża minn Infrastructure Malta.
- Ammont ta' tarmak użat Jannar sa Ġunju 2019 – EUR3,122.00

**Id-9 leġiżlatura**

- Sar xogħol ta' manutenzjoni fil-latrina ta' Triq Parades sabiex reġgħet infetħet għall-pubbliku.
- Saru diversi xogħlijiet ta' patching f'toroq madwar il-lokalità
- Ġew installati CCTV cameras madwar il-latrini ta' Sirens



A.G.

- Inżergħu numru sostanzjali ta' siġar bl-iskema EOP Trees for the Local Councils. Numru ta' siġar oħra ingħataw minn Ambjent Malta. Il-koordinatur ta' din l-inizjattiva kien il-kunsillier Mario Salerno.
- Ammont ta' tarmak użat Lulju sa Diċembru 2019 – EUR3,349.25

**2.6 Xiri – Tenders u Kwotazzjonijiet**
**It-8 leġiżlatura**

- Inħarġu 20 kwotazzjoni – 13 awarded, 4 not awarded u 3 pendenti. Lista ta' kwotazzjonijiet annessa ma' dan ir-Rapport

**Id-9 leġiżlatura**

- Inħarġu 35 kwotazzjoni – 30 awarded, 3 not awarded u 2 kanċellati
  Lista ta' kwotazzjonijiet annessa ma dan ir-Rapport

**Tenders- ħarġet 11 il-sejjħa fuq EPPS tendering platform**

**It-8 leġiżlatura**

**Il-Kumitat ta' kompost min Ċerpersin, Segretarju u Evalwaturi iltaqgħaw diversi drabi sabiex jiġu evalwati 5 tenders. Id-dettalji ta' kull laqgħa tinstab f'kull rapport ta evalwazzjoni.**

**Id-9 leġiżlatura**

**Il-Kumitat ta' kompost min Ċerpersin, Segretarju u Evalwaturi iltaqgħaw diversi drabi sabiex jiġu evalwati 6 tenders. Id-dettalji ta' kull laqgħa tinstab f'kull rapport ta evalwazzjoni.**



A.G.

| Reference no | Name | Date of issue | Closing Date | Approved by Council | Status | Contracted |
|---|---|---|---|---|---|---|
| SPB T/11/2018 | PROVISION OF BULKY REFUSE COLLECTION USING LOW EMMISSION VEHICLE FOR THE SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL | 25/09/2018 | 15/10/2018 | Approved | Awarded 08/01/2019 | 28/01/2019 |
| SPB T/05/2018 | Upkeep and Maintenance of Soft Areas in San Pawl il-Bahar, Using Environmentally Friendly Practices | 02/10/2018 | 23/10/2018 | Approved | Awarded 15/01/2019 | 01/02/2019 |
| SPB T/03/2018 | SERVICE TENDER FOR THE COLLECTION OF HOUSEHOLD WASTE FROM THE LOCALITY OF SAN PAWL IL-BAĦAR, using Low Emmission Vehicles | 12/10/2018 | 12/11/2018 | Approved | Awarded | 01/03/2019 |
| SPB T/01/2019 | Street Sweeping Services in the Locality of San Pawl il-Bahar, using environmentally friendly practices | 27/02/2019 | 29/03/2019 | Approved | Awarded 19/01/2020 | 01/02/2019 |
| SPB T/02/2019 | Provision of Services for the Cleaning, Opening and Closing of Public Conveniences in the locality of san Pawl il-Bahar using Environmental Friendly cleaning Products | 01/02/2019 | 21/02/2019 | Approved | Awarded | 01/10/2019 |
| SPB T/09/2019 | Resurfacing and Patching of roads, construction of Footpaths and pavements in the locality of San Pawl il-Baħar, | 14/09/2019 | 15/10/2019 | Approved | Awarded 09/12/2019 | |
| SPB T/05/2019 | Purchasing of EV Van for Local Council Works, Tipper Van Diesel and EV Vehicle | 19/02/2019 | 11/03/2019 | Approved | Awarded | 28/05/2019 |
| SPB T/06/2019 | Professional services of a Contracts Manager & Maintenace Works Supervisor | 05/11/2019 | | | Evaluation | |
| SPB T/08/2019 | Tender for the provision of Road Signs & Road markings | 22/03/2019 | 10/04/2019 | Approved | Awarded | 08/07/2019 |
| SPB T/ 10/2019 | Tender for the provision Transport Services | 04/10/2019 | 25/10/2019 | Approved | Awarded | 10/12/2019 |
| SPB T/16/ 2019 | Call for Tender - Hiring, Installation, Maintanence and Dismantling of Christmas Decorations Bugibba -Locality of San Pawl il- Bahar | 08/10/2019 | 28/10/2019 | Approved | Awarded | 04/11/2019 |

## 3.0 Attivitajiet Kulturali, Soċjali u Sportivi

### It-8 leġiżlatura

- **Ġieħ Jum San Pawl/ Oratorju Paulus – 9 ta' Frar 2019**

Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar bil-kollaborazzjoni tal-Komunità tal-Franġiskani Konventwali ta' San Pawl il-Baħar u tas-Soċjetà Mużikali San Pawl, fl-okkażjoni tal-100 sena anniversarju mill-wasla tal-istatwa devota tal-Appostlu Missierna San Pawl ġewwa l-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar, ġie organizzat **Oratorju Paulus**. Waqt l-istess okkażjoni ngħata Ġieħ Jum San Pawl lil sitt persuni nominati mill-Kunsill.



KS A.G.

Din l-okkażjoni ttellgħet taħt il-Patroċinju tal-President ta' Malta Marie Louise Coleiro Preca.

Is-**Sindku Anne Marie Fenech u l-Kunsillier Joseph Vella** kienu responsabbli min din l-attività. *Responsabbli mill-koordinazzjoni - Assistant Principal Sandra Grech*

- **Voomquest Powerboat Championship – April 2019-** is-Sindku Anne Marie Fenech kienet responsabbli minn din l-attività. *Responsabbli mill-koordinazzjoni - Skrivana Mary Helen Grima*
- **Wignacourt Tower Festival – April 2019-** *Responsabbli mill-kordinazzjoni - Segretarju Eżekuttiv*
- **Ħarġiet għall-Anzjani** – 18.01.2019 Jannar, 22.02.2019 Frar, 16.04.2019 April – Il-Kunsillier Antoinette Bezzina kienet responsabbli minn dawn l-attivitajiet. *Responsabbli mill-koordinazzjoni - Assistant Principal Sandra Grech*

**Id-9 leġiżlatura**

- **Ħarġiet għall-anzjani 30.09.2019 Settembru, 25.10.2019 Ottubru, 10.12.2019 Diċembru.** Il-Kunsillier Antoinette Bezzina kienet responsabbli minn dawn l-attivitajiet. *Responsabbli mill-koordinazzjoni - Assistant Prinċipal Sandra Grech*
- **Karnival tas-Sajf 2019**

  Fis-sena 2019, il-Karnival tas-Sajf kien mifrux fuq jumejn, 30 u 31 t'Awwissu. Il-Kunsill ingħata EUR8000 minn skema ta' għajnuna tal- Kunsilli. **Responsabbli Viċi Sindku Daryl Connor.** *Responsabbli mill-koordinazzjoni - Uffiċjal Eżekuttiv Delcine Gauci.*
- **Wine & Fish fest. Din kienet attività ta' suċċess fejn ħadu sehem diversi kantanti u ġew armati bankareli sabiex ibegħu ħut u nbid fost affarijiet oħra. Tat sehma l-Banda tal-Lokalità – il-**Kunsillier responsabbli kien il-Viċi Sindku Darly Connor.
- **Launch -Karozza ġdida EV u Van Tipper. Saret ċerimonja tat-tberik ta' dawn il-vetturi maġenb it-Torri ta' Wignacourt. Preżenti għal din l-okkażjoni kien hemm is-Sindku Alfred Grima, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera, il-Kappillan tal-Parroċċa San Pawl u l-impjegati tal-Kunsill.**

**Għarfien Soċjali**

- **Inxtegħlet il-pjazza ta' Bugibba u Burmarrad roża għax-xahar ta' Ottubru bħala parti mill-inizjattiva ta' Pink October u t-Torri ta WignaCourt blu għal Movembru.** *Responsabbli mill-koordinazzjoni - Assistant Prinċipal Sandra Grech*
- **Premju Anzjanità Attiva- Il-Kunsill lokali għaraf li jinnomina erba' persuni għall-ħila u l-kapaċità għall-Premju Anzjanità Attiva 2019. Din iċ-ċelebrazzjoni hija organizzata mis-Segretarjat Parlamentari għal Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva.**
- **Run for Charity – Istrina**: inġabret is-somma ta' EUR726.18. Il-kunsilliera responsabbli minn din l-attività kienu Carlos Zarb u Chris Vella Peltroni – *Responsabbli mill-koordinazzjoni - Skrivana Joseinne Bartolo*
- **Milied**

**Inħarġet sejħa ta' servizzi sabiex jinxtegħlu, Triq Burmarrad, Triq San Pawl, Triq Parades, Triq Xemxija, Triq it-Turisti, Triq il-Mosta u Buġibba.**



AS
A.G.

Ġie organizzat Christmas Village b'kollaborazzjoni mal-Kumitat Żgħażagħ Ġawhrin nhar il-20 u it-21 ta' Diċembru fil-playing ground fi Triq Parades.
Matul il-ġimgħa tal-Milied sar marċ mill-Banda Soċjetà Mużikali San Pawl 'diversi toroq madwar il-lokalità. Il-banda kienet akkumpanjata minn Father Christmas li kien milqugħ b'ferħ mit-tfal tal-lokalià.

Il-Viċi Sindku kien responsabbli minn din l-attività. *Responsabbli mill-koordinazzjoni - Uffiċjal Eżekuttiv Delcine Gauci.*

Id-dekorazzjonijiet tal-Milied intlaqgħu b'mod tajjeb mill-komunità ta'San Pawl il-Baħar. Wara sejħa pubblika ġew iffirmati ħames kuntratti ma' erba' kuntratturi privati. Kien hemm ukoll sejħa għal kwotazzjoni sabiex jinxtegħel Buġibba b'dawl dekorattiv tal-Milied.

Il-Kunsill Lokali b'kollaborazzjoni mal-MTA ħa ħsieb jarma Triq it-Turisti b'valur ta' EUR3,000.

### 3.1 Safar

**Ma sar l-ebda safar matul is-sena 2019**

## 4.0 Riżorsi Umani

Matul din is-sena kien hemm Assistant Principal li rriżenja f'Jannar 2019 u tliet skrivani li rriżenjaw f'Marzu, Lulju u Awwissu. Il-Kunsill għandu sitt ħaddiema minn tal-komunità sabiex jassistu fuq xogħol ta' barra. Wara li nħarġu diversi sejħiet, sitt skrivani oħra ġew impjegati biex jaħdmu fl-uffiċċju tal- Kunsill.

Għaldaqstant l-istaff tal-uffiċju huwa kompost minn Segretarju Eżekuttiv Mariella Strout, is-Sa. Sandra Grech bħala Assistant Prinċipal full time, is-Sa Delcine Gauci bħala Uffiċjal Eżekuttiv, u s-Sa Louisa Buttigieg, is-Sa Nadine Boughara, is-Sa Josephine Bartolo, is-Sa Cheyenne Mangion, is-Sur Matteo Muscat u s-Sur Matthew Cassar Hili bħala skrivani full time. Dawn il-persuni dejjem ikunu lesti jagħmlu l-almu tagħhom biex jilqgħu l-ilmenti u jippruvaw, meta jkun possibbli, isibu soluzzjoni għall-problemi li jinqalgħu għalkemm dan mhux dejjem ikun possibbli.

**It-8 leġiżlatura**
Ingaġġ ta' ħaddiema

Sejħa għal skrivani

**Id-9 leġiżlatura**
Ingaġġ ta' ħaddiema

Sejħa għal skrivani u uffiċjal eżekuttiv



A.-G.

## 5.0 Finanzi

Ir-rapport finanzjarju għas-sena 2019 (unaudited) jinsab anness ma' dan ir-rapport bħala ANNESS . Hawn taħt wieħed għandu jsib tabella li tikkompara d-dħul u l-infiq għas-snin 2018 (audited) u 2019 (unaudited).

| **Dħul** | **€- 2018** | **€-2019** |
|---|---|---|
| Mill-Gvern | 1,868,813 | 1,869,123 |
| Mis-sistema ta' infurzar legali | 23,311 | 24,368 |
| Dħul ieħor | 170,961 | 325,867 |
| Minn By-Laws | 10,375 | 3,014 |
| Imgħax tal-bank | 433 | 275 |
| | 2,072,455 | **2,222,647** |

| **Infiq** | | |
|---|---|---|
| Is-Salarji | 217,008 | 208,103 |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet | 1,040,890 | 1,036,194 |
| Amministrazzjoni u Spejjeż oħra | 918,698 | 535,714 |
| | 2,176,596 | **1,780,011** |
| **Surplus / Deficit** | **-103,284** | **442,636** |

## 6.0 Konklużjoni

Nagħlaq dan ir-rapport amministrattiv billi nirringrazzja lill-Kunsilliera, lill-impjegati u lill-ħaddiema tal-Kunsill, tal-kollaborazzjoni tagħhom. Dan ix-xogħol kien maħsub, ippjanat u mwettaq mill-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni u l-ħidma ta' kulħadd. Bħala kumment dwar l-amministrazzjoni tal-Uffiċċju, nixtieq ngħid li dan ikun miftuħ regolarment mit-Tnejn sa Sibt f'ħinijiet stabbiliti mill-Kunsill.

Konklużjoni: Għaddiet sena oħra ta' ħidma intensiva mill-Kunsill Lokali. L-aħħar sitt xhur tat-tminn leġiżlatura kienu ddominati minn ħafna battibekki waqt il-laqgħat tal-Kunsill, fejn ħafna drabi il-laqgħa tal-Kunsill spiċċat mingħajr kworum. Dan l-aġir kien ta' dannu għall-ħidma tal-Amministrazzjoni iżda xorta waħda l-uffiċċju baqa' jagħti l-aħjar servizz possibbli.

L-ewwel sitt xhur tad-disa' leġiżlatura jidher li hemm kunsens sabiex il-ħidma tal-Kunsill tkun iktar strutturata għall-ġid tal-komunità kif jidher mir-rapporti ta' ħidma tal-Kunsilliera annessi ma' dan ir-rapport.

Is-Sindku u l-Kunsilliera ħadu sehem f'diversi diskussjonijiet ma' membri tal-Gvern dwar proġetti u inizjattivi li ser isiru fil-lokalità fis-snin li ġejjin.

IFFIRMAT
Segretarju Eżekuttiv

A.G.

Emendi- Rapport Aministrattiv 2019

Il-Kunsillier Mario Salerno għadda talba għall-emenda fir-rigward tal-Bord tal-Ambjent, fejn qal li l-Membri mniżżla mhumiex korretti u għaldaqstant għandhom jitneħħew l-ismijiet kollha u jitħallew kaxxi vojta. Għandu aktar emendi pero' ser iħalli f'idejn Kunsilliera oħra sabiex iressquhom. Fir-rapport hemm imniżżel hekk :

| Responsabbiltajiet | Ismijiet | Kumitati u Bordijiet | **Board jikkonsisti minn:** |
|---|---|---|---|
| L-Ambjent | Kunsillier Mario Salerno | Bord tal-Attivitajiet | **Viċi Sindku** Daryl Connor, **Kunsillier** Anne Fenech, Membri Pierre Bonnet, Charlo Spiteri u Joseph Vella |

Tweġiba: l-ismijiet tal -Bordijiet huma kif gew modija mis-Sindku.
Il- Bordijiet irridu jiġu relatati ma l-indikazzjoni fuq it-table mhux ma l-isem ta' ħdejhom

- Il-Viċi Sindku Daryl Connor għadda talba għall-emenda fir-rigward tal-Bord tal-Attivitajiet dwar kif hemm 4 persuni u mhux 3 jew 5. Fir-rapport hemm imniżżel hekk :

Twegiba ES: Dawn hawn isfel m'għandhom x'jaqsmu ma 9 leġislatura iġġifieri dan bord ta' qabel.

*Risposta minn naħa tal- Viċi Sindku Daryl Connor: 'Bir-rispett kollu ma naħsibx li dik hija risposta korretta. Jiena saqsejt kif dak il-Bord huwa kompost minn 4 persuni u mhux 3 jew 5 jew 7 u mhux ta' liema legistratura hu'.*
*Naf sewwa li dak il-Bord mhux ta' din il-legistratura għax jiena ċ-Chairperson attwali tal-Bord tal-Attivitajiet.*

*Skond dak li naf il-Bordijiet jridu jkunu komposti bil-fart i.e 3,5,7 etc... u mhux biż-żewg i.e 2,4,6 etc; u kien għalhekk li jiena ġbid l-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv.*

| | |
|---|---|
| Attivitajiet li jsiru f'isem il-Kunsill Lokali | Is-Sindku Anne Marie Fenech, u l-Kunsilliera Dounia Borg, Joseph Vella u Edward Bugeja |

Tweġiba ES: L-informazzjoni it-tieħdet mir-Rapport Aministrattiv ta' 2018 fejn kien approvat kif prezentat.

- Il-Kunsillier Carlos Zarb għadda talba sabiex ikun imniżżel Il-Bord tal-Isports u Attivitajiet Fiżiċi compost miċ-Ċerpersin Carlos Zarb u l-Membri, il-Kunsillier Chris Vella Petroni, Sinj. Joseph Vella, Sinj. Michael Mizzi u Sinj. Josef Vincenti. Fir-rapport hemm imniżżel hekk:

| Responsabbiltajiet | Ismijiet | Kumitati u Bordijiet | **Board jikkonsisti minn:** |
|---|---|---|---|
| Sports u Attivitajiet Fiżiċi | Kunsillier Carlos Zarb | Bord Skemi u Fondi Finanzjarji | **Kunsillier** Mario Salerno, **Kunsillier** Chris Vella Petroni/ sostitut Anthony Angelo Attard. Membri Antonio |

HS
A.G.

A.G.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | Enrico, Frans Borg, Simone Aquilina |

- Il-Kunsillier Chris Vella Petroni semma l-punt li semma dwaru l-Kunsillier Carlos Zarb għaliex ismu mhux imniżżel.
  Tweġiba ES: Isem il-Kunsillier Chris Vella Petroni kien imnizzel pagna 15

- Il-Kunsillier Anthony Delia ma kellu ebda emenda għaliex kien ġa tkellem mal-Kunsillier Graziella Galea li kellha tgħaddiehim hi.

- Il-Kunsillier Alfred Bray ma għandu ebda emenda.

- Il-Kunsillier Anthony Angelo Attard ma għandu ebda emenda.

- Il-Kunsillier Anne Marie Fenech ma bagħtet ebda emenda.

- Il-Kunsillier Stephen Cremona ma bagħat ebda emenda.

- Il-Kunsillier Antoinette Bezzina ma kellha ebda emendi.

- Il-Kunsillier Graziella Galea informat dwar tal-Kwotazzjonijiet li suppost ikunu fl-EPPS u kif qed isiru huma direct order u fir-rigward tan-nuqqas ta' qbiel fil-figuri:

  Tweġiba ES: Intbagħtet imejl lil accountant u ġiet risposta. L-accountant spjegat li il figuri finanzjarji kwotatti fil-kolona 2018 kienu awditijati għaliex meta sar ir-Rapport Aminittrativ 2018 ma kienux għandhom awditjati ir-rapport finanzjarju. Peress li fit-tieni risposta hija presentat il-figuri finanzjarji 2018 awditjati, ir-rapport aministrattiv ġie emendat sabiex jirrifleti dan. Il-figuri prezentati fil-kolona 2019 għandhom m'humiex awditjati għalhekk tħallew skont ir-rapport finanzjarju 2019.

- Il-Kunsillier Paul Bugeja informa sabiex jiżdiedu d-dati tal-approvazzjoni u l-ħatra ta' bord u meta ltaqgħu.
  Tweġiba ES: L-informazzjoni ġiet mizjuda f'pagna 5 u 13 tar-rapport.
- Is-Sindku informa b'dawn: Pagna 3: Membri tal-Bord għandhom jissemmew kollha nkluz dawk li rrizenjaw. (numru bil-fart)

Pagna 4: Tingieb l-istatistika tal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad.

Twegiba ES: L-ismijiet tal-membri tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad u numru ta' laqgħat ġew inkluza f'pagna 5 tar-rapport

**2.4 Skemi** – Data ta' referenza għanda tkun mhux ta' meta wieħed jircievi l-korrispondenza imma meta ssir l-applikazzjoni.

Li jissemma li l-Kunsill bi sħab mas-Socjeta Muzikali San Pawl qiegħed joffri tagħlim b'xejn ta' muzika.
Li l-kunsill iħallas ma € .......... fis-sena għat-trasport tad-day centre u l-kera.

A.G. MB

A.G.

Li jigi sponsorjat parti mit-trasport tal-hrug kulturali.

Tweġiba ES: Dan ir-rikjest kien diġa segwit meta intbatet talba għal emendi f'13 ta' April 2020

**2.6 Xiri Tenders u Kwotazzjonijiet**
Dati ta' referenza ghandhom jirriflettu dak li qal Paul Bugeja.
Tweġiba ES: L-informazzjoni ġiet mizjuda f'pagna 5 u 13 tar-rapport.

**Re-item 6. – Konkluzzjoni**
Fl-opinjoni tieghi l-kitba tal-konkluzzjoni fejn tohloq kontroversja u dizgwid bla bzonn.
Tweġiba ES: Dan ir-rikjest kien diġa segwit meta intbatet talba għal emendi f'13 ta' April 2020

NB
A.G.

YS

H.G.

## ANNESS I

## Rapporti ta' Ħidma tal-Kunsilliera

A.G.

A.G.

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

**Ref:** 55/0187/20/I **Data 22/02/2020**

**Rapport ta' Ħidma – Kunsillier Anthony Delia**

Ir-responsabilita' ta' Kunsillier hija li jservi lis-socjeta u għandu l-obbligu li jkun ta' vuci għar-resident fi ħdan l-istess Kunsill.
Għaldaqstant jien gejt assenjat ir- responsabilita' tal-qasam socjali u nifforma parti mill bord tal-infrastruttura.

Fi ħdan il-lokalita ta' San Pawl il-Bahar hemm sfidi kbar f'dan ir-rigward. Meta jkollok residenti b'kulturi, tradizzjonijiet u religjonijiet diversi zgur, li l-qasam socjali huwa ta importanza biex ikollna kunsill qrib in-nies.

Ghalhekk, tlabt lill- Kunsill biex isir Ċensiment tal-popolazzjoni u il-multikulturizmu fi hdan il-lokalita taghna. Bdejt indur ir- residenti fejn qed nisma u nifhem aktar il-htigijiet u l-problemi li jiltaqaw maghhom ir-residenti ta' kulljum.

Iltqajt ma' residenti anzjani li qed ibatu mis-solitudini u apprezzaw mhux ftit ,il-ftit hin li qattajt nismaghhom.
Iltqajt ma residenti li laqawni fil-kcejjen taghhom mudlama ghax mhux qed ilahqu mal-hajja ta' kuljum.
Iltqajt ma residenti li qed isibuha difficli ferm biex isibu xoghol ,ghax il-barrani qed jinghata preferenza minhabba id-differenza tal-pagi.
Iltqajt ma residenti barranin li huma imhasbin dwar il-kirjiet .

Dawn huma ftit mill-kazijiet li iltqajt maghhom u li bla dubju ghandhom jigu indirizzati. Bhala kunsillier naccerta ruhi li intejjeb jew intaffi ftit mill-problemi ta' dawn ir-residenti.

Rigward l-impenn tieghi fil-bord tal-infrastruttura nifhem li hemm hafna xi jsir u ghalhekk ghandu jithejja pjan serju, dettaljat u professjonali . Nemmen li hekk biss nistaw flimkien inhejju pjan fit-tul u hekk biss nistaw intaffu sew il-problema tal-infrastruttura .

AB
A.G.

KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

Għalhekk hejjejt pjan ta kif ghadna intejbu, inbiddlu jew nibnu mill-gdid il-bankini .Dan l-istess pjan irid jigi imfassal aktar fid-dettal.
Tlabt ukoll biex il kunsill jitlob lil Infastructure Malta l-lista ta' toroq li ser ikunu qed jinbnew mill gdid , it-time frame , u s-sekwenza tax-xogholijiet.
Dan kollu ghax nemmen fir-residenti u rrid verament il-gid ta' San Pawl il-Bahar.

A.G.

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**

**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Euro**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

**Ref: 55/0193/20/1** **Data 06/04/2020**

Rapport ta' ħidma- Kunsilliera Graziella Galea

Graziella Galea hi l-minority leader u l-kunsillier responsabbli mill-komunita' ta' Burmarrad. Il-Kumitati Amministrattivi tneħħew b'effett minn meta ġew fis-seħħ l-emendi tal-Att dwar il-Gvern Lokali. Minflok il-ligi tistabilixxi li għandu jkun hemm Kunsillier responsabbli għall-komunità. Il-lista' ta' komunitajiet qieghda elenkata fid-disa' skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap 363). Din l-iskeda tistabillix ukoll il-konfini ta' kull komunita' u t-toroq li jinsabu fihom. Fil-kaz ta' San Pawl il-Bahar il-komunita' hi dik ta' Burmarrad, liema komunita' fil-konfini taghha tinkludi wkoll il-Wardija. L-Att dwar il-Gvern Lokali tistipula li r-responsabbilita' tal-komunita tigi assenjata lill-kunsillier li jkollu r-residenza tiegħu f'din il-komunità. Galea hi l-unika kunsillier li ghandha r-residenza f'Bumrarrad u ghaldaqstant il-kunsillier responsabbli minn din il-komunita'.

Minn mindu giet assenjata din ir-responsabblita, Graziella Galea ressqet diversi talbiet, htigijiet u suggerimenti ta' nhawi differenti li jaqghu fil-konfini ta' Burmarrad, dan wara kuntatt li ghamlet ma' diversi residenti f'din iz-zona, sabiex dawn jinghataw l-importanza li tkun tisthoqqilhom. Dawn kienu jinkludu l-htiega ta' tibdil ta' bin on wheels mkissra, il-htiega ta' tiswija u tbattil ta' litter bins, u il-htiega ta' tindif u qtugh ta' haxix. Gie nnutat li l-gbir tal-iskart mhux dejjem kien qed isir skond l-iskeda mahruga mill-Kunsill Lokali. Ghaldaqstant Galea ressqet diversi ilmenti dwar il-gbir tal-iskart ograniku, l-iskart riciklabbli u l-hgieg, sabiex il-gbir isir skond l-iskeda u ma jithalliex skart mhux migbur jigri barra. Infurmat lill-Kunsill dwar il-htiega li jkun hemm manutenzjoni bazika u tindif fil-gnien ta' Burmarrad. Il-Kunsill approva li jibda jinhadem pjan sabiex il-playing fields isiru mill-gdid. Ghaldaqstant Galea ser tkun qieghda ssegwi dan il-progett sabiex ir-residenti ta' Burmarrad jkollhom zona kif jixirqilhom. Matul il-legislatura precedenti gew approvati fondi sabiex jintuzaw fiz-zona rurali ta' San Pawl il-Bahar, propju f'Burmarrad u l-Wardija u ghalhekk kompliet issegwi dan il-progett u nfurmat lill-Kunsill meta kien hemm nuqqasijiet f'dawn it-toroq sabiex ir-residenti ma jbatux minn xi inkonvenjent. Sahhqet mal-entita' responsabbli mir-rikostruzzjoni tat-triq bejn Burmarrad u n-Naxxar sabiex ix-xoghol jitkompla.

Fil-bidu tal-legislatura, bhala minority leader, Graziella Galea hadmet sabiex id-diversi kunsilliera jkunu assenjati waħda mill-erbatax ir-responsabbilta elenkati fl-Erbatax-il Skeda tal-Att dwar il-Gvern Lokali, hekk kif jitlob l-istess Att. Wara diversi gimghat, u tibdil fil-mod kif kienu assenjati r-responsabbiltajiet originarjament, din it-talba giet milqugha. Galea segwiet u ppartecipat fil-laqghat tal-Kunsill Lokali fejn gibdet l-attenzjoni sabiex ikun assigurat li l-proceduri u l-ligi jigu mharsa.

A.G.

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**

**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Euro**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

Matul l-ewwel sitt xhur tal-legislatura l-gdida Galea ressqet diversi lmenti u suggerimenti lill-Kunsill, sabiex tara li l-lokalita' tibqa' miexja 'l quddiem u li t-talbiet u s-suggerimenti tar-residenti jigu kkunsidrati. Dawn kienu jinvolvu lil San Pawl il-Bahar, Bugibba, Qawra, Xemxija u l-komunita' ta' Burmarrad. Dan seta jsir wara li kienu bosta r-resident li kienu f' kuntatt maghha u li ressqu dawk li huma hassew li huma htigijet fl-inhawi fejn joqoghdu huma. Galea ppartecipat f'diversi laqghat sabiex tkun tista' tressaq l-idejat tar-residenti fuq diversi oqsma inkluz f'Burmarrad. Fost l-ohrajn, billi l-gbir tal-borza s-sewda ma baqghetx issir kuljum, filwaqt li tlett darbiet fil-gimgha bdiet tingabar il-borza organika, gie nnutat li f'diversi zoni fosthom f'Burmarrad, il-borza organika kienet qieghda tibqa' barra ghal sieghat twal. Ghalhekk Galea ressqet suggeriment li l-borza organika tibda tingabar iktar kmieni minn boroz ohra, sabiex jitnaqqas il-hin li fih l-iskart organiku jithalla barra, b'rispett lejn l-igjene tal-lokalita'. Hejjiet ukoll applikazzjoni sabiex il-Kunsill ikun jista' jibbenefika minn fondi apposta permezz ta' skema mahruga mill-Gvern Lokali ghal neutering u shelters ghall-qtates, minhabba li huma diversi l-volontiera li qieghdin joffru l-hin u rizorsi taghhom ghal dan il-ghan, inkluz f'Burmarrad. Diversi ma kienx facli ghalihom li jigbru l-boroz organici u riciklabbli li komplew jitqassmu b'xejn mill-Kunsill Lokali u ghaldaqstant Galea qassmet hi stess dawn il-boroz b'mod specjali f'zoni bhal Burmarrad u l-Wardija li huma 'l boghod mill-ufficju tal-Kunsill Lokali.

Graziella Galea thares 'il quddiem sabiex tkun tista' tkompli tahdem ghall-gid tal-lokalita' u tar-residenti.

A.G.

KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL

**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

**Ref:** 55/0190/20/I **Data: 08/04/2020**

**IL-ĦIDMA TA' MARIO JOSEPH SALERNO IL-KUNSILLIER FIL-LOKALITA TA' SAN PAWL IL-BAĦAR**

INGĦATAJT IL-KARIGI BIEX NIEĦU ĦSIEB L-AMBJENT, IL-KULTURA U S-SITI STORIĊI, L-EDUKAZZJONI U L-LIBRERIJA PUBBLIKA. BIL-KOPERAZZJONI LI SIBT MINN L-IMPJEGATI AMMINISTRATIV U S-SĦABI L-KUNSILLIERA STAJT INWETTAQ ĦIDMIETI FIL-LOKALITA MINN AWWISSU, 2019 SA L-AĦĦAR TA' L-AĦĦAR TA' DICEMBRU, 2019.

AWWISSU

Fil-qasam ambjentali hdimt biex issir Trejqa Rurali – Triq Rihana li tintuza' minn erbgħin bidwi. L-ispiża tax-xogħol tħallset mill-Ministeru tal-Infrastuttura. Fl-edukazzjoni, hadt l-inizzjativa biex il-librerija pubblika tkun aċċessibli. Ftaħt kommunikazzjoni mal-Ministeru tal-Edukazzjoni biex l-aċċessibilta tkun imħallsa mill-istess ministeru. Dejjem fil-qasam tal-edukazzjoni tajt pariri lill-istaff tal-iskola Dun Manwel Attard tal-Wardija biex jaqilbu minn agrikoltura konvenzjonali ghal agrikoltura organika. Organizzajt taħdita pubblika fuq il-biedja ġewwa l-istess skola. Sadanitant, iltqajt mal-perit tal-ministeru biex ix-xogħol jitwettaq fuq l-aċċessibilta tal-librerija. Xogħol ta' modernizzar tal-librerija ġie ippjannat fejn xkafef bis- susa kif ukoll kotba imsewsin kellhom jitbidlu . Fil-qasam kulturali applikajna biex waħda mill-eqdem pillboxes hdejn l-Olympic Garden tkun restawrata. Wieħed mill-widien tal-lokalita issemma fil-proġett ta' żvilupp ta' 55 apartament fil-bokka tal-Wied Buffula. Il-kunsill lokali kien daħal oġġezzjoni kontra l-iżvilupp fil-wied u tlajt quddiem il-Bord tal-PA nispjega r-raġunijiet għaliex ma għandux jinħarġu l-permessi biex issir il-proġett. Id-decisjoni tal-PA kienet favur it-talba tal-kunsill lokali.

Dan ix- xahar laqajt is-sottokumitat fejn kull membru fih ta suġġerimenti ta' kif wieħed għandu jimxi fl-oqsma tal-ambjent, edukazzjoni u kultura.

SETTEMBRU/OTTUBRU

Tkomplija fuq il-ħidma mix-xahar ta' qabel fejn waslu €3000 minn skema biex intejjbu l-volum ta' kotba fil-librerija pubblika u l-ixkaffar li riedu jinbidlu. Fil-qasam tal-agrikoltura, qassamna fuljett fuq riċetti ta' rimedji botaniċi biex jitħarres il-ħarsien tal-pjanti. Dawn il-fuljetti ġew sponsorjati mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni u tqassmu b'xejn lil min xtaqhom. Bħala parti minn tisbieħ tal-ġonna ressaqt proposti biex mill-Fond tal-LESA ta' €42000, insebbħu diversi soft areas fil-lokalita fosthom Ġnien il-Millenium li nintroduċu fiħom proġetti żgħar innovativi li jkunu proġetti pilota għall-familji bħal aquaponika, ħitan ħajjien, post rikrejjativ għall-todlers li jkunu jsegwu l-logħob fil-kindergardens. Fil-qasam tal-ambjent wassalt xi lmenti lil ERA fuq l-irwejjaħ ġejjien mill-Engineered Landfill fil-Magħtab. Ukoll fl-agrikoltura kellna talba minn bdiewa li jgħaddu minn Trejqa Xifer il-Kifer biex tingħata wiċċ ġdid u ftaħna diskussjoni mal-Ministeru tal-Infrastruttura biex jiffinanzjaħa. Qbilna li l-kunsill lokali joħroġ u jaħdem għall-permessi u l-wiċċ titħallas mill-ministeru. Mal-Ministeru tal-Infrastruttura wassalna ukoll biex Triq Raddet ir-Roti li kient tiżloq tkun migrufa- scarified- u tingħata



XB

A.G.

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**

**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

wiċċ li ma jizloqx. Fuq applikazzjonijiet tal-izviluppi fil-lokalita, ressaqna s-suġġerimenti u anke xi lmenti b'risq il-kommunita lil PA.

Dan ix-xahar laqajt is-sottokumitat fejn kellna diskussjonijiet mas-sajjieda tal-lokalita u smajna t-talbiet tagħhom biex intejjbu l-inħawi tal-moll tal-Veċċa. Is-sottokumitat se jagħmel ukoll inventarju tas-siti storiċi u niflu l-qagħda tagħhom sabiex meta jkun hemm ħruġ ta' xi fondi mill-EU, il-kunsill lokali jkun preparat biex jirranġa dawn is-siti li writna mill-ġenerazzjonijiet ta' qabilna.

NOVEMBERU

Kellna xi applikazzjonijiet ta' żviluppi fil-lokalita fejn ġew għall-attenzjoni tal-kunsilliera fis-seduta tax-xahar u kull wieħed seta' jagħti l-fehma tiegħu / tagħha sabiex fl-aħħar tintlaħaq konkluzzjoni li tkun mogħdija lill-professjonisti tal-kunsill biex imexxu l-ilmenti jew oġġezzjonijiet lill-awtoritajiet konċernati mal-ħruġ tal-permessi tal-izviluppi, li kultant skont il-fehma tal-kunsill lokali ma jkunux ta' fejda għall-kommunita.

Dan ix-xahar varajna proġett fil-kunsill lokali, fejn biex inħajjru u inħeġġu l-interess fost iċ-ċittadini, ħawwilna siġar żgħar f'ċertu soft areas. Fil-fatt ħawwilna siġar matul il-promenade bejn il-lukanda Dolmen sal-Akwarjum.

Fl-ambjent, biex insebbħu u inisslu sens li tħossok parti mill-komunita, daħħalna offerta lil poplu biex min irid jisponsorja bank fejn ikollu ismu fuqu. Daħlet talba waħda minn familja li tixtieq li jkollha l-isem ta' n-nannu li kien iħobb joqgħod bil-qegħda fuq dan il-bank u jgawdi l-veduta panoramika tal-bajja.

Fil-qasam tal-edukazzjoni u taħriġ, għamilt applikazzjoni sabiex jinġibu flus biex inwettqu diversi programmi edukativi b'risq l-istudenti tal-iskola primarja ta' San Pawl il-Baħar kif ukoll l-adulti li jistgħu isegwu ċertu lezzjonijiet wara l-ħin tal-iskola kull nhar ta' ġimgħa. L-applikazzjoni tiegħi intlaqet u dawn il-korsijiet jistgħu jitwettqu fis-sena 2020.

Is-sotto kumitat kompla jiltaqa' u fost inizjattivi li ħa, sar progress fil-pjan loġistiku li jirrigwardja l-multikulturalismu fejn ġew ikkontatjati xi leaders barranin li jgħixu fil-lokalita u saru l-ewwel diskussjonijiet preliminari biex aktar il-quddiem issiru attivitajiet li issaħħaħ il-kultura diversifikata tal-familji li jgħixu f' SPB. Saru wkoll laqgħat ma xi bdiewa u mas-sajjieda biex jissaħħaħ id-djalogu li jwassal għal titjieb sostanzjali fil-lokalita.

DICEMBRU

Fil-vaganzi tal-Milied, sar ix-xogħol tant mistenni fil-librerija fejn tbiddlu l-ixkaffef u indaħħlu kotba ġodda.

Il-ministeru tal-Infrastruttura ta lil kunsill lokali madwar mitejn siġra li tqassmu f' diversi soft areas bħal ġnien olimpiku, is-Simar, Thellansenin playfield, il-promenade, pioneer road u f'konok oħra.

Kelli sehem ma kunsilliera oħra minn kunsilli lokali oħra li tkellimna fuq il-bidla tal-klima u x' impatti jkollha fuq pajjizi u bliet ħdejn il-kosta tal-baħar.



A.G.

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**

**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

**Ref:** 55/0191/20/I **Data:09/04/2020**

**Rapport ta' ħidma – Kunsilliera Antionette Bezzina**

**Anzjani fil-Komunita**

Jiena Antoinette Bezzina u jiena Kunsilliera fil-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar. Għalkemm għandi tnejn u sebgħin sena ma naqtax qalbi biex nagħti l-kontribut tiegħi fil-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar specjalment fis-settur tal-anzjani.

Ir-responsabbilita tiegħi fil-Kunsill lokali hi l-anzjani. Jiena bniedma iddedikata għal dak li gejt inkarigata u nista nifhem il-bzonnijiet tal-anzjani minhabba li jien anzjana bħalhom.

Kull xahar nagħmel harga kulturali għall-anzjani u l-anzjani vera jieħdu pjacir u dejjem ikunu anzjuzi biex ikunu jafu fejn ser noħodhom minn xahar ghal xahar. Qabel ma niddeciedi l-post tal-ħarga kulturali jien immur personali biex nara li l-post ikun accessibbli u adekwat ghall-anzjani. Parti mill-harga tkun tinkludi quddiesa, dejjem fi knisja differenti. Wara naghmlu zjara f'muzew jew post ta' interess ghall-anzjani. U nispiccaw il-harga b'waqfa ghall-ikel.

Jiena nzomm kumpanija lil diversi anzjani li joqogħdu waħidhom, li jkunu morda, jew ikollhom il-qraba taghhom li ma jigux izurhom u lil dawk li jidhlu l-isptar għal xi operazzjoni. Anke wara mewthom nara li nattendi ghall-funeral u nibqa' qrib il-familjari f'dan il-mument difficli.

Barra minn hekk nieħu ħsieb u nirraporta l-ħsarat li nara fit-toroq u dak li jgħiduli dwaru n-nies, b'mod specjali dawk il-ħsarat li jolqtu direttament lill-anzjani.

MS
A.G.

A.G.

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

**Ref: 55/0189/20/I** **Data: 10/04/2020**

**Rapport ta' ħidma – Viċi Sindku Daryl Connor**

**Bord Attivitajiet Lulju-Diċembru 2019**

Dan huwa r-rapport dwar il-ħidma tiegħi u tal-kumitat rigward ir-responsabilta' li gejt fdat f'Lulju 2020.
Matul dawn is-sitt xhur ħdimt flimkien mat-team fuq diversi attivitajiet.
Bħala Kumitat iltqajna tlett darbiet apparti ukoll b'mod individwali u skond il-ħidma ta' kull membru.

L-ewwel laqgħa tal-bord kienet saret fit-22 ta' Lulju flimkien mal-persuni minn Festivals Malta biex niddiskutu **l-Karnival tas-Sajf** u li kien sejjer isir bejn 23 u 24 ta' Awissu. Madankollu l-preparamenti bdew anke minn qabel mal-persuna li kienet responsabbli mill-attivitajiet minħabba l-preparamenti li jkun hemm bżonn. Waqt din il-laqgħa gew diskussi l-preparamenti fejn jidħlu bżonn tat-traffiku, kif ukoll spettaklu u arranġamenti oħra. Wara dan il-meeting kellna laqgħa oħra fis-6 t'Awissu mal-Pulizija u Transport Malta fejn gew diskussi r-rotot u mmaniġjar tat-traffiku. Tajjeb li ngħid ukoll li minħabba aċċident sfortunat fl-istess gimgħa, il-Karnival ġie pospost ghat-30 u 31 ta' Awissu 2020.
Tajjeb li tkunu nfurmati li dawn iz-zewg laqgħat saru fil-binja tal-Kunsill.

Laqgħa oħra li jiena tlabt kienet it-Tnejn 23 ta' Settembru fejn hemm bdejna niddiskutu flimkien **il-Festa Nbid u Ħut** li kienet pjanata li ssir il-Ħadd 20 ta' Ottubru 2020. Waqt din il-laqgħa li saret gewwa l-Gillieru Hotel gie diskuss li l-attivita tkun fl-akkwati tal-Menqa. Tkellimna ukoll dwar il-programm tal-ispettaklu u l-istalls tal-ikel u xorb. Din l-attivita' kienet saret ukoll fis-sena preċedenti u fl-istess post.

L-aħħar laqgħa li kellna bħala bord kienet fl-20 ta' Novembru 2020 ġewwa l-kazin tal-banda,fejn hemmhekk gie diskuss il-programm kollu **tal-Milied** li kien jinkludi l-parati kollha madwar it-toroq ta' San Pawl il-Baħar, Bugibba, Qawra , Xemxija u Burmarrad. Fl-istess waqt gie organizzat ukoll il-Villagg tal-Milied li b'kollaborazzjoni maz-żgħazagh Ġawhrin gie organizzat dan il-Villagg li sar bejn 20 u 21 ta' Diċembru. Matul din l-laqgħa kulħadd ħa ħsieb jagħmel il-parti tiegħu biex b'hekk inkunu fil-ħin u l-attivita' tkun waħda ta' success.

Fuq nota separata bħala attivitajiet oħra li saru u kellhom bżonn l-għajnuna tagħna iżda gew organizzati minnhom kienu;

MB
A.G.

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

**Assocjazzjoni Publiju ta' Malta-** purcissjoni bil-banda tagħhom stess mal-Promenade tal-lokal (14 ta' Settembru 2020)

L-attivita' tal-**Folklor** gewwa l-pjazza ta' Bugibba ( 27 ta' Settembru 2020)

Chairperson- Daryl Connor

Membri- Anne Fenech, Pierre Bonnett, Joseph Vella, Charlo Spiteri.

A.G.

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

**Ref:** 55/0188/20/I **Data:12/04/2020**

**Rapport ta` ħidma - Lulju-Diċembru 2019**

**Kunsillier Carlos Zarb**

Jien Carlos Zarb responsabbli mid dikasteru ta` tfal u zghazagh ,u mid -dikasteru attivitajiet sportivi u fizici.

Il-ħidma maz- zgħazagħ komplejta bil-kumitat ta` zghazagh fejn sar certu tibdil fit-tmexxija. Dan il-kumitat kompla jikber u f`ftit xhur saru diversi laqghat u attivitajiet fosthom xoghol volontarju ma` santawarju tal-klieb u thawwil ta` sigar fil-lokalita. Bhala kunsillier responsabbli attendejt ukoll 'clean ups' organizzati minn zghazagh u gruppi ohra tal-lokal. Resaqt ukoll l-hsieb ta youth exchange fejn kelli diversi laqghat fosthom mal Meusac , lestejt u praparajt draft ta` dan il-progett u la darba jinstab 'partner' minn pajjiz iehor li jkun lest li jaccetana inkunu nistghu inmexxu ghal-fazi li jmiss. Dan huwa progett tqil u ambizzjuz ghaliex il fondi se jkunu qed jigu mill- Unjoni Ewropeja b` hekk il-kunsill mhu se jkun qed johrog xejn.

Il-hidma tieghi fid-dikasteru tal-sports għamiltu billi ħloqt board li se jkun qed jaħdem fuq dawn l-attivitajiet u fl-ewwel ftit xhur kellna l-ewwel attivita taghna fejn kienet girja kompettitiva b-risq l-Istrina. F `din il- girja dahhalna kull kategorija inkluz ta` tfal. Kellna personaggi famuzi li attendew u riklamawa, kellna anke parata bl-Scouts. Gew involuti diversi nies u sodissfat nghid li saret b mod professjonali u li ghal l-ewwel darba li saret kienet ta` success kbir. Is –somma migbura kienet ta`€726.18.

Apparti l-ħidma tiegħi f'dawn id -dikasteri resaqt diversi proposti u ideat innovativi f` ħdan il-kunsil fosthom l-idea ta` mobile app u bylaw li titratta ix-xorb fil-pubbliku. Ghamilt ricerka fuq is-seabins u prezentajt din l-informazzjoni l-kunsill. Resaqt ammont kbir ta` ilmenti li whud minnhom gew solvuti grazzi ghal-hidma tal-Kunsill.

MB
A.G.

A.G.

# 2019

Alfred Grima
Mayor
San Pawl il-Baħar

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**

**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

# [RAPPORT TA' HIDMA Perjodu 1/07/2019 – 31/12/2019]

Ref: 55/0192/20/1

Rapport ta' ħidma mwettqa mis-Sindku

Perjodu : 1/07/2019 – 31/12/2019

Dan ir-rapport jagħti ħarsa ħafifa lejn ix-xogħolijiet imwettqa minnhi fl-ewwel 6 xhur tal-ħatra tiegħi ta' Sindku.

**Laqgħat tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar:**
F'dan il-perjodu saru 10 laqgħat fejn attendejthom kollha.

**Karigi tal-Kunsilliera**
Żammejt laqgħat b'mod individwali ma kull wieħed mit-12 il-kunsillier biex b'hekk isaħħet l-għaqda fil-kunsill. Rigward il-karigi, dawn ġew aċċettati kollha. Nirringrazzja lill-kunsillera kollha tal-koperazzjoni.

**Laqgħat Bord ta' l-Infrastruttura**
Il-Bord ġie kompost mis-Sindku, mill-Kunsilliera Paul Bugeja u Anthony Delia, is-Sur Charles Galea u l-Perit Joseph Cuschieri. F'dan il-perjodu saru 2 laqgħat formali u 3 informali. Flimkien mal-Membri tal-Bord ġie nfassal pjan ambizzjuż ta' ħidma nfrastrutturali għal 5 snin li ġejjien. Ġew magħżula l-proġetti kapitali segwenti. Dawn ġew approvati b'mod unanimu milll-kunsill.

- ✓ Latrini pubbliċi – Moll Buġibba, Pjazza Buġibba, Ta' Fra Ben. Se ssir refurbishment totali.
- ✓ Latrina pubblika – Sirens. Se tiġi moderniżżata.
- ✓ Burmarrad Kids Park – Proġett totalment ġdid li wasal fi stadju li ssir applikazzjoni ma l-Awtorita ta' l-Ippjanar.
- ✓ Tal-Vecc Park, Qawra - Proġett totalment ġdid li wasal fi stadju li ssir applikazzjoni ma l-Awtorita ta' l-Ippjanar.
- ✓ Erba Imwieżeb – Proġett ta' riġenerazzjoni li wasal fi stadju li ssir applikazzjoni ma l-Awtorita ta' l-Ippjanar.
- ✓ Qawra Dogs Park – Proġett li għad hemm ħtieġa li ssir laqgħa ma l-Awtorita ta' l-Ippjanar.
- ✓ Gnien il-Millenium – Proġett ta' tisbieħ (bil-parteċipazzjoni tal-Kunsillier Mario Salerno).

B'investiment ta' €500,000 beda isir pjan biex il-bankini jiġu aktar aċċessibli kif ukoll għal tiswija ta' toroq bit-tarmak.
Dawn ix-xogħolijiet se ikunu għal inkarigu tal-kunsilliera Paul Bugeja u Anthony Delia.
Flimkien mal-kunsillier Alfred Bray, bdejt ħidma biex jiġu nstallati dwal fit-toroq madwar il-lokalita fosthom fi, Triq il-Kaħli, Triq it-Tamar, Triq Annetto Caruana, il-Limbordin, Triq l-Istamnar, Triq il-Wardija.

Flimkien mal-Kunsillier risponsabbli mill-ambjent Stephen Cremona, bdit ħidma biex jiġu ddentifikati siti biex jiġu nstallati underground waste bins u kif ukoll bins-on-wheels.

**Laqgħat Bord Ingaġġ tal-Ħaddiema**
Il-Bord ġie kompost mis-Sindku, mill-Kunsilliera Alfred Bray u Anne Fenech.
F'dan il-perjodu nżammu 3 darbiet interviews fejn ġew impjegati 5 skrivani ġodda. B'hekk bdit tiġi ndirizzata s-sitwazzjoni prekarja ta' l-uffiċju Amministrattiv li kien qiegħed jiffunzjona b'4 skrivani biss meta l-volum tax-xogħol jiddetta li jkun hemm 8 skrivani minn ta' l-anqas. Fejn ma kienx faċli li wieħed jikkomunika mall-kunsill la permezz ta' l-email u wisq anqas tat-telefon.



A.G.

Flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, ħdimt qatigħ biex is-sistema tat-telefonija li kienet ila xhur sħaħ bi problemi tiġi taħdem kif suppost. Kont strumentali biex inġieb refund ta' €320 għall-kunsill mingħand min jipprovdi s-servizz.

**Laqgħat ma l-Onor Ministri u Segretarji Parlamentari**

Fil-preżenza ta' membru mill-kunsill, inżammu diversi laqgħat fosthom ma l-Onor,

- Ministru ta' l-Ambjent Dr. Jose' Herrera nkluz Diretturi, CEO's u diversi Uffiċjali.
- Ministru tal-Ġustizzja u Kunsilli Lokali Dr. Owen Bonnici nkluz diversi Uffiċjali (2 laqgħat)
- Ministru tat-Turiżmu Konrad Mizzi nkluz diversi Uffiċjali (2 laqgħat).
- Ministru ta' l-Infrastruttura.
- Segretarji Parlamentari Silvio Parnis (3 laqgħat)
- Segretarju Parlamentari Dr Deo Debattista (3 laqgħat)

Grazzi għal dawn il-laqgħat il-kunsill ta' SPB ibbenifika bil-kbir f'għajnuniet li jammontaw għal madwar €255,000 kif ukoll b'mod indirett biex il-pjaga ta' l-iskart fil-lokalita bdit tiġi ndirizzata bis-serjeta permezz ta';

- ✓ Servizz addizzjonali ta' knis.
- ✓ Servizz addizzjonali ta' qtugħ ta' ħaxix.
- ✓ Servizz ta' Uffiċjali ta' l-Infurzar ta' liġijiet.
- ✓ Servizz ta' ġbir ta' skart addizzjonali.
- ✓ Servizz ta' ħaddiema addizzjonali għall-manteniment ta' l-akkwati turistiċi.

**Laqgħat ma Diretturi u CEO's**

Inżammu diversi laqgħat fosthom ma,

- Is-Sur Ramon Degaura u s-Sur Raymond Tabone, Direttur Ġenerali u Direttur tac-CMD.

Grazzi għal dawn il-laqgħat, il-kunsill ta' SPB ibbenifika kontinwament minn għajnuniet u assistenza minn naħa tac-CMD. Intlaħaq ftehim ukoll sabiex il-lokalita tibbenifika minn installazzjoni ta' 3 CCTV's f'żoni fejn kontinwament jintefa ammont kbir ta' skart illegalment.

- L-Inġinier Fredrick Azzopardi, CEO Aġenzija Infrastruttura Malta.
  Temi li ġew diskussi;

- MOU ta' €500,000 + bilanċ ta' €466,380.51 x'jitħallas mill-kunsill iffirmat fil-25/3/2019.
- Lis-spiża kapitali rigward bdil ta' katusi tad-drenaġġ fi triq San Pawl li qeda żżomm ix-xogholijiet milli jitwettqu.
- Ix-xolijiet wieqfa fil-bini mill-ġdid ta' Triq Burmarrad.
- Il-kundizzjoni ta' Triq Dawret in-Nawfragju Xemxija.

Din il-laqgha servit biex instab qbil,

1. Li IM tikkunsidra li tagħmel tajjeb hi rigward il-bilanċ ta' €466,380.51.
2. Li minflok triq San Pawl isir Triq l-Istamnar, Triq il-Kaħli, Triq Horatio Nelson u Triq Ġużeppe Des Spot. Filwaqt li triq San Pawl isirilha patching estensive li jinkludu konkos u xibka.
3 Li jiġi żgurat li sa l-aħħar ta' Jannar jitlestew ix-xogholijiet fi Triq Burmarrad.
4 Li Triq Dawret in-Nawfragju, Xemxija titranġa bl-aħjar mod.



AB
A.G.

- 5 ta' Lulju 2019, Waħda mill-ewwel laqgħat inżammet mas-Sur Raymond Zammit mill-LESA kif ukoll mas-Supretendent Mario Haber, fejn fihom qajjimt diversi punti rigward nuqqas ta' infurzar ta' liġijiet.
- Fuq rutina, zammejt laqgħat ma l-Avukat tal-kunsill, Dr David Bonello.
- ma l-Accountant Ms Romina Perici Ferrante
- ma l-Uffiċju tal-Perit Robert Sant.
- Mal-kuntratturi tal-kunsill.

- Mas-Sur Kevin Fsadni u s-Sur Aaron Zahra minn MTA inżammu diversi laqgħat.
  Temi li ġew diskussi;

- Proġett Menqa – Moll Buġibba
- Ħidma u xogħolijiet ta' manteniment taż-żoni turistiċi.

- Mas-Sur Mario Fava mill-AKL inżammet laqgħa dwar diversi punti li jolqtu direttament it-tmexxija tal-kunsilli.
- Attendejt għal kull laqgħa u seminar tas-Sindki organiżżata mill-AKL.
- 10 ta' Lulju 2019, attendejt laqgħa tar-Reġjun fejn ilu hemm il-Viċi Sindku jirrappreżentani.

- Inżammu diversi laqgħat sas-Sur Sandro Azzopardi minn MTIC, mad-Direttur minn MTIP-WID, is-Sur Caruana, Inġiniera u ħaddiema mil-istess dipartiment. Fost ix-xogħolijiet li dan id-dipartiment jagħmel f'kolloborazzjoni mal-kunsill hemm;
- ✓ Restaw ta' railings ta' mal-kosta.
- ✓ Restawr ta' bankijiet, cnut, turġien, tabelli, ecc.
- ✓ Xogħol ta' ħadid u xogħol ta' eletriku.

- Il-kunsill organiżża laqgħa għal dawk kollha li għandhom konnesjoni diretta mas-settur ta' l-indafa pubblika, inkluż il-ħaddiema tal-kuntratturi ta' Green MT, Waste Collection Ltd u SSCS biex jiġu ndirizzati diversi problemi.

- Inżammet laqgħa ma l-Entitajiet li għandhom infrastruttura fil-lokalita ta' San Pawl il-Baħar bil-ħsieb li titjib il-koloborazzjoni bejn dawn il-kumpaniji u l-kunsill lokali u b'hekk tibda ssir ħidma kontinwa ta' manutenzjoni. Din il-laqgħa ħalliet riżultati pożittivi. Fost dawk li attendew għal din il-laqgħa kien hemm rappreżentanti tal-GO Plc, Water Services Corporation u ...............................

- 11 ta' Lulju 2019, flimkien mal-Kunsillier Stephen Cremona, il-kunsill organiżża laqgħa għal dawk li joperaw bċejjeċ tal-baħar għan-negozju.

- 13 ta' Lulju 2019, żammejt laqgħa mas-Sur Anton Miceli u s-Sur Frans Agius rigward l-Attivita tal-Karnival. B'sodisfazzjon ngħid li b'argumenti validi, inbidel il-ħsieb ta' l-organiżżaturi li l-attivita titnaqqas għal jum wieħed biss. L-attivita nżammet fit-23 u 24 ta' Awwissu 2019, fejn din kienet suċċes. Attendejt flimkiem mal-Viċi Sindku Daryl Connor u Kunsillier Chris Vella Petroni.

- 20 u 21 ta' Lulju 2019, attendejt għal 2 clean ups organiżżati mill-bugħaddasa fl-akkwati tas-Sirens u ta' Fra Ben.

- Żammejt diversi laqgħat fosthom maż-Żgħażagħ, ma l-Iscouts, mal-Kumitat tal-Festa, ma Baden Powell Sea Cadets, Burmarrad FC u l-Għaqda tal-BMX.



A.G.

- Personalment tajt il-kontribuzzjoni tiegħi biex diżgwid jinbidel f'kompromess biex kumpanija privata setgħet iġġib il-Blood Unit f'SPB. Għan nobli li żgur li bbenifikaw bosta.

- 9 ta' Awwissu 2019, iltqajt mas-Sur Jude Utulu u kollegi tiegħu mill-komunita Nigerjana f'laqgħa ferm kordjali. 28 ta' Settembru 2019, flimkien ma marti, attendejt għal lejla ta' attivita ta' l-istess għaqda.

- 20 ta' Awwissu 2019, kelli laqgħa mas-Sur Oliver Scicluna mic-CRPD, fejn ġejt ippreżentat b'kopji ta' diversi ilmenti/ rapporti fil-konfront tal-kunsill ta' SPB li allegament ġew injorati mill-istess kunsill għal snin sħaħ. Kull rapport imressaq ġie vverifikat u ngħata l-attenzjoni kollha tiegħi. Weġibt lic-CRPD għal kull wieħed minnhom.

- 23 ta' Settembru 2019 żammejt laqgħa mas-Sirens Aquatic Club rigward il-bini tal-pixxina ġdida.

- Flimkien mal-Kunsillier Stephen Cremona wasalna biex il-kunsill jiftaħ koloborazzjoni ma l-Institute For The Creative Arts tal-Mosta. Qbilna, li din l-iskola tingħata ċ-ċans li toħloq reċipjent li jgħin fil-ġbir tal-plastics minn ħdejn il-baħar.

- 19 ta' Novembru 2019, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Ms Strout, iltqajna mas-Surmastrijiet ġodda ta' l-Iskejjel ta' San Pawl il-Baħar u l-Qawra rispettivament.

- 19 ta' Novembru 2019, iltajt mac-CEO tal-Primary Health Care bil-ħsieb li jittejjeb is-servizz limitat tal-Berġa tas-Saħħa fil-lokalita.

- Ġejt mistieden biex għan-nom il-kunsill ta' SPB nattendi għall-preżentazzjoni ta' trofej għar-rebbieħa tat-tiġrijiet organiżżati minn Birkirkara St Joseph.

- 25 ta' Novembru 2019, ġejt mistieden mis-Sur Michael Cohen għan-nom ta' TM biex nattendi laqgħa ta' informazzjoni u qsim ta' ħsibijiet li jgħin għall-koloborazzjoni akbar bejn iż-żewġ entitajiet.

- Attendejt għall-attivita ta' ġirja b'risq il-Community Chest Fund organiżżata mill-kunsill, fejn il-Kunsillier Carlos Zarb u l-Bord ta' l-Isport ħadu ħsieb l-organiżżazjoni.

- 5 ta' Diċembru 2019, ma xi membri tal-Bird Life iddiskutejt x'possibilita hemm li titnaqqas il-qawwa ta' dwal mit-toroq speċjalment id-dawra tal-kosta.

- 11 ta' Deċembru 2019, flimkien mal-kunsilliera kollha, ġew ippreżentati żewġ vetturi ġodda mill-kunsill biex jaqdu l-ħtiġijiet tal-lokalita, fosthom vettura li taħdem bil-batteriji. Spiża li tleħħaq €82,552.

- 11 ta' Deċembru 2019, mexxejt għall-ewwel darba l-laqgħa tal-lokalita.

✓ **Triq il-Pijunieri** - Tranġat is-sitwazzjoni tad-dwal li kienu ilhom snin sħaħ ma jixhelu/jixhelu b'kuluri differenti.
✓ **Gutters** - Tnaddfu u tranġaw il-gutters kollha fil-lokalita inkluż dawk tal-Wardija u ta' Burmarrad.
✓ **Main ta' l-ilma** - Ġiet indirizzata l-ħela/serq minn main ta' l-ilma f'burmarrad billi saret kaxxa sigura għall-meter.
✓ **CCTV's** – Ġew installati CCTV's fil-latrina tas-Sirens.



MS A.G.

- ✓ **Tower cranes** - Irriżistejt kull tentattivi biex jitwaqqfu tower krejns fil-lokalita. Fejn l-ebda krejn ma tħalla jarma.
- ✓ **Attivitajiet** – L-ebda attivita ma ġiet approvata jekk din toħloq problemi għat-traffiku fil-lokalita.
- ✓ **Bankina** - Inbnit mill-ġdid bankina fi triq San Pawl wara snin toħloq perikolu għal dawk kollha li jużaw l-akkwati.

**Xogħolijiet mill-Ħaddiema tal-Kunsill**

Il-fatt, li l-kunsill għadu mingħajr is-servizz ta' Contract Manager, ġelni li nerfa r-risponsabilita tax-xogħolijiet kollha li jsiru madwar il-lokalita nkluż l-ippjanar u ssuperviżżjoni ta' ħidmet il-ħaddiema tal-kunsill. Fil-fatt, ammont sostanzjali mix-xogħolijiet isiru grazzi għal ħidma kontinwa mwettqa minn dawn il-ħaddiema tal-kunsill. Inkun nonqos jekk ma nirringrazzjahomx minn qalbi tal-ħidma u l-koperazzjoni taghhom. Is-segwenti hi lista ta' xogħolijiet li saru:

- ❖ Ħasil bil-power wash - Inbeda programm ta' ħasil bil-power wash tat-turġien kollha fil-lokalita.
- ❖ Tabelli - Fl-ewwel 6 xhur ta' ħidma tbidlu/tranġaw il fuq minn 250 tabella.
- ❖ Sinjali ta' traffiku – Sar riffreskar ta' bosta sinjali tat-traffiku fejn zdiedu ammont ta' parkeġġi ġodda.
- ❖ Cold tarmac - Tferxu mas-775 xkora ta' tarmak kif ukoll konkos f'diversi toroq.
- ❖ Inġabru aktar minn 82 tunnellata skart mit-toroq f'6 xhur biss.
- ❖ Latrini Pubbliċi Triq Paci – Tranġat b'mod temporanju l-latrina ta' wara l-bank biex ġew eliminati l-mobile toilets.
- ❖ Bankini - Sar tranġar kontinwu ta' bankini u bdil ta' kaptelli.

**Klems kontra l-kunsill**

Ħuwa ta' sodisfazzjon li l-ħidma tiegħi kkoloborata mal-ħaddiema tal-kunsill ħalliet il-frott meta l-ebda klejm kontra l-kunsill ma daħal bħala danni ta' ħsarat f'xi vettura fl-ewwel 6 xhur ta' ħidma. Dan jikkuntrastja bil-kbir ma dak li seħħ fil-Leġislazzjoni 8, fejn il-kunsill ħallas eluf kbar ta' Euros f'danni. Dan apparti diversi kawżi pendenti l-qorti.

Għalkemm ma huwiex kompitu tas-Sindku li jiżgura li dak dovut lejn il-kunsill jitħallas, xorta, ħassejt il-ħtieġa li ngħin bl-aħjar mod li nista biex jinġabru dawk il-finanzi dovuti. Is-segwenti hi lista ta' finanzi rkuprati fl-ewwel 6 xhur b'intervent dirett tiegħi:

- ✓ J.Quintinus - €22,500 ġew irkuprati minn għand il-Kumitat Konġunt għall-xogħolijiet relatati ma tarmak.
- ✓ Shutter door - €500 ġew irkuprati minn għand sid il-kera meta tħallsu finanzi li mhux suppost.
- ✓ Dooms – Wasalt fi ftehim ma Green MT biex jirrifondu lill-kunsill €800 li tħallsu snin ilu fuq dooms tar-riċiklaġġ.
- ✓ Tabella ta' kumpanija - €1,200 ġew irkuprati minn għand kumpanija privata li għamlet użu minn dawl tal-kunsill.
- ✓ By-Law skips – Wettaqt ħidma kontinwa biex jibdew jinġabru finanzi dovuti relatati mal-By-Law ta' l-skips.

**Tenders/Sejħiet għall-offerti**

Żgurajt, li l-kunsill jaħdem bis-sħiħ biex il-liġijiet finanzjarji tal-pajjiż rigward il-finanzi pubbliċi jiġu rispettati fil-komplet. Fil-fatt fl-ewwel 6 xhur ta' din il-leġislatura ħarġu numru sostanzjali ta' sejħiet għall-offerti li kien ilhom snin sħaħ skaduti.

**Baġit 2020 –**

Flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv fassalt baġit li jindirizza d-diversi problemi li tħallew jakumulaw tul is-snin, kif ukoll semmejt liema sejrin ikunu l-prijoritajiet ta' dan il-kunsill.

**Corporate Social Resposability Scheme**

Kontinwament għamilt spezzjonijiet f'siti ta' kostruzzjoni. Fejn introduċejt il-kunċett ta' Coporate Social Responsability Scheme f'San Pawl il-Baħar, fejn is-sidien ta' siti ta' kostruzzjoni qedin jintalbu jippartecipaw b'mod finanzjarju biex



A.G.

b'hekk jagħtu ftit lura lill-komunita. Il-ħsieb huwa li l-fondi miksuba minn dan il-fond jiġu nvestiti f'proġett b'risq il-lokalita.

**Kjosks**

Qiegħed kontinwament niddedika ammont konsiderevoli ta' ħin biex sidien ta' kjosks jinġibu konxji mid-dmirijiet tagħhom lejn il-lokalita qabel wieħed jibda jinforza l-liġijiet.

**Każi pendenti**

- **Blue's Ltd** - Għamilt żgur, li l-każ fil-konfront tal-Blue's Ltd li għandhom dejn ta' €24,000 mall-kunsill dwar ftehim ta' riklamar jersaq quddiem il-qrati Maltin immedjatament hekk kif kien approva l-kunsill żmien twil ilu.

- **Każ vs Argus Insurance** - Żgurajt li l-kunsill iħallas dak kollu dovut f'dan il-każ mitluf. B'hekk jifqu l-interessi.

Grazzi

Alfred Grima
Sindku
San Pawl il-Baħar



MS
A.G.

A G.

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

Ref: 55/0297/20/1 Data 25 ta'Gunju 2020

## Rapport ta' Ħidma tal-Kunsillier Paul Bugeja

Bħala persuna b'esperjenza ta' aktar minn 14-il sena, kemm bħala Sindku u Kunsillier Lokali, dejjem offrejt li ngħin kemm nista lill-kollegi kollha u lir-residenti tal-lokalita'.

Fl-aħħar 6 xhur tat-8 leġiżlatura u fl-ewwel 6 xhur tad-9 leġiżlatura ġejt mogħti l-kariga ta' Ċerpersin għall-evelwazzjonijiet tas-sejħiet għall-offerti kollha tal-Kunsill Lokali.

F' dan il-perjodu taħt it-tmexxija tiegħi ġew mogħtija dawn il-kuntratti;

*1. Street Sweeping Services around the locality.*

*2. Cleaning, Upkeep and Maintance of all Public Conviences.*

*3. Resurfacing and Patching of Footpaths and all pavements.*

*4. Purchasing of Enviormently Tipper Van and Enviormently Vehicle for Council works.*

*5. Professional Services of Contracts Manager and Maintenance Work Supervisor.*

*6. Road Signs and Road Markings.*

*7. Transport Services for the Elderly.*

*8. Hiring, Installation, Maintance and Dismantling of Christmas Decorations around the locality'.*

Apparti dawn il-kuntratti li ġew mogħtija, kien hemm evalwazzjonijiet ta' sejħiet għall-offerti oħra li ġew wara ż-żmien stipulat ta' dan ir-rapport amministrattiv. Ta' min isemmi ukoll li sabiex tevalwa bir-reqqa kull rapport dejjem saru 3 laqgħat jew aktar għal kull sejħa għall-offerti hawn fuq imsemmija. Dan ifisser li l-Bord tlaqqa l'fuq minn 25 darba.

Rigward l-inkarigu tiegħi fil-Ġemellaġġi, saru diversi kuntatti u laqgħat, iżda sfortunatament minħabba l-pandemija kellu jieqaf kollox ħesrem. Nisperaw li mhux fil-bogħod inkunu nistgħu inkomplu bil-ħidma f'dan il-qasam.

Grazzi.

Kunsillier Paul Bugeja

wls A.G.

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

Ref: 55/0191/20/I

Data 15 ta' Lulju 2020

Rapport ta' Ħidma: Kunsillier Chris Vella Petroni

l-ewwel sitt xhur pjan ta' ħidma tiegħi bħala Kunsillier ta' Lokalita ta' San Pawl il-Baħar

- Bħala parti mid- dmirijiet tiegħi fil-Lokalita ħdimt sabiex tiġi organizatta Run for Charity li saret f' Novembru madwar il-Lokalita. Il- flus li nġabru ingħataw lil Community Chest imexxija mil-President ta' Malta. Dan l-attivita saret b'koloborazjoni ma kollega Kunsillier Carlos Zarb
- Peress li għandi għal qalbi l-indafa fil-lokalita, ta' kuljum nagħmel diversi spezjonijiet u nagħdi ir-rapporti lil uffiċju tal-Kunsill.
- Xi drabi nagħmel ukoll clean ups
- Rapporti jinkludu wkoll dawl maqtuħ u ħsarat infrastruturali.
- Ser inkompli naħdem sabiex intejjbu l-ambjent fil-lokalita

MS A.G.

# ANNESS III

## Kwotazzjonijiet

A.G.

| Name | Reference | Awarded | Date | Not Awarded |
|---|---|---|---|---|
| RFQ purchasing an air condition unit for a public library | 55/2605/18/0SG | √ | 25.02.2019 | |
| RFQ of Basic ICT and ECDL Courses | 55/2624/18/0SG | √ | 10.01.2020 | |
| RFQ of service of sound, filming and photography for Oratorio Paulus | | √ | 28.01.2019 | |
| RFQ of catering service for 100 persons for Oratorio Paulus | 55/0095/19/0SG | √ | 23.01.2019 | |
| RFQ for the provision of catering service of | 55/0095/19/0SG | √ | 28.01.2019 | |
| RFQ for the provision of service of printing 100 A4 booklets in colour | 55/0095/19/0SG | √ | 06.02.2019 | |
| RFQ for the provision of purchasing 10 signs | 55/0252/19/0SG | √ | 17.04.2019 | |
| RFQ for the provision of service of hiring and cleaning of 2 mobile toilets ( accessible for all ) | 55/0583/19/0SG | √ | 06.05.2019 | |
| RFQ for the provision of service of an ambulance | 55/0588/19/0SG | √ | 29.04.2019 | |
| RFQ for the provision of purchasing of globes | 55/0600/19/0SG | √ | 06.05.2019 | |
| RFQ for the provision of service of Robotica and Coding Training Courses | 55/0642/19/0SG | √ | 27.05.2019 | |
| RFQ for the provision of transport service | 55/0657/19/0SG | √ | 21.05.2019<br>04.06.2019 | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| RFQ for the provision of service of hiring and cleaning of 2 ( 1 for gents and 1 for ladies ) mobile toilets ( accessible for all ) | 55/0688/19/0SG | √ | 03.06.2019 | |
| RFQ for the provision and installation of an irrigation system at Triq il-Korp tal-Pijunieri, Buġibba | 55/0742/19/0SG | | | √ |
| RFQ for the provision and installation of an irrigation system at Triq l-Erba' Mwieżeb, San Pawl il-Baħar | 55/0743/19/0SG | | | √ |
| RFQ for the provision and installation of an irrigation system at Triq San Franġisk c/w Triq San Publju, San Pawl il-Baħar | 55/0744/19/0SG | | | √ |
| RFQ for the provision and installation of an irrigation system at Triq il-Korp tal-Pijunieri, Buġibba | 55/0769/19/0SG | √ | Apr-20 | |
| Quotation for the provision and installation of an irrigation system at Triq l-Erba' Mwieżeb, San Pawl il-Baħar | 55/0770/19/0SG | √ | Apr-20 | |
| RFQ for the provision and installation of an irrigation system at Triq San Franġisk c/w Triq San Publju, San Pawl il-Baħar | 55/0771/19/0SG | √ | Apr-20 | |

A.G.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| RFQ for the provision of purchasing of globes | 55/0798/19/0SG | | | √ |
| RFQ for the provision of purchasing blinds | 55/0800/19/0SG | √ | 18.07.2019 | |
| RFQ for the provision of service for cleaning and flushing of street culverts | 55/0824/19/0SG | √ | 06.08.2019 | |
| RFQ for the provision of service of tender writing and/or proposal | 55/0841/19/0SG | √ | | |
| RFQ for the provision of service of transport service | 55/0870/19/0SG | √ | 08.09.2019 | |
| RFQ for the provision of printing service | 55/0884/19/0SG | √ | 28.08.2019 | |
| RFQ for the provision of service of security officers for the Summer Carnival 2019 | 55/0886/19/0SG | √ | 19.08.2019 | |
| RFQ for the provision of service of an ambulance | 55/0887/19/0SG | √ | 19.08.2019 | |
| RFQ for the provision of purchasing an external hard drive | 55/0888/19/0SG | √ | 19.08.2019 | |
| RFQ for the provision of purchasing 20 Summer Carnival ceramic tokens | 55/0890/19/0SG | √ | 21.08.2019 | |
| RFQ for the provision of hiring ( individually ) of metal barriers | 55/0909/19/0SG | √ | 21.08.2019 | |
| RFQ for the provision of service of a nurse | 55/0917/19/0SG | √ | 13.09.2019 | |

MS
A.G.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| RFQ for the provision of transport service | 55/0957/19/0SG | √ | 13.09.2019 | |
| RFQ for the provision of purchasing of 100 led bulbs | 55/0969/19/0SG | √ | 19.09.2019 | |
| RFQ for the provision of purchasing of 12 tokens | 55/0990/19/0SG | √ | 23.09.2019 | |
| RFQ for the provision of purchasing of shelving and a cupboard | 55/0825/19/0SG | √ | 15.10.2019 | |
| RFQ for the provision of hiring a stage ( including delivery ) | 55/1033/19/0SG | √ | 17.10.2019 | |
| RFQ for the provision of service of a pa system | 55/1034/19/0SG | √ | 17.10.2019 | |
| RFQ for the provision of service of a clamping and removal of motor vehicles and encumbering objects | 55/1038/19/0SG | | | √ |
| RFQ for the provision of purchasing of termite free boards | | √ | 30.10.2019 | |
| RFQ for the provision of purchasing of a main door head closer | | √ | 05.11.2019 | |
| RFQ for the provision of purchasing of 10 notice boards including installation of same around the boundaries of San Pawl il-Baħar Local Council | 55/1091/19/0SG | | | √ |

A.G.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| RFQ for the provision of service of an ambulance ( including delivery and paramedic ) during the event Run 4 Charity | 55/1092/19/0SG | √ | 15.11.2019 | |
| RFQ for the provision of hiring a winner's podium ( including delivery ) for the event Run 4 Charity | 55/1096/19/0SG | | Cancelled on 18.11.2019 | |
| RFQ for the provision of a buffet dinner service | | √ | 18.11.2019 | |
| RFQ for the provision of service for a mid-term audit | 55/1100/19/0SG | | | √ |
| RFQ for the provision of purchasing of purchasing of long sleeve polo shirts, trousers and jackets including printing | 55/1102/19/0SG | √ | 04.12.2019 | |
| RFQ for the provision of purchasing of 13 tablets ( 11inch ) with covers ( to be used during Council Meetings ) | 55/1138/19/0SG | | | √ |
| RFQ for the provision of purchasing of an aluminium door | 55/1147/19/0SG | √ | 02.12.2019 | |
| RFQ for the provision of purchasing of fencing material | 55/1166/19/0SG | √ | 19.12.2019 | |

A.G.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| RFQ for the provision of service of grass cutting and sweeping around the locality in case of emergency | 55/1166/19/0SG | √ | 02.01.2020 | |
| RFQ for the provision of service of a pa system, sound and light | 55/1176/19/0SG | √ | 19.12.2019 | |
| RFQ for the provision of service of a security officer for the Christmas Market 2019 | 55/1177/19/0SG | | Cancelled on 20.12.2019 | |
| RFQ for the provision of purchasing of 30 white globes | 55/1191/19/0SG | √ | 13.01.2020 | |
| RFQ for the provision of service of a land surveyor | 55/1134/19/0SG | √ | 14.01.2020 | |
| RFQ for the provision of purchasing of urban gym equipment for Thalassalejn Playing Fields | 55/1184/19/0SG | √ | 15.01.2020 | |

# ANNESS IV

## Skeda ta'ġbir tal-iskart

A.G

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**

**Triq San Pawl, San Pawl il- Baħar, SPB 3411 Malta, l-Ewropa**

E-mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

Ref: 55/0382/19/OMS  April 2019

**Avviż dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart**

Għażiż/a Resident/Resident temporanju/Amministratur/Sid il-Proprjetà

Il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar kellu għadd ta' laqgħat u ħadem ma' għadd ta' partijiet interessati fir-rigward tal-Ġbir tal-Immaniġġjar tal-Iskart. F'dan l-isforz konġunt ħdimna fuq skeda għall-ġbir tal-iskart sabiex jiġi stabbilit l-aħjar servizz għar-residenti/resident temporanju ta' San Pawl il-Baħar. L-iskeda l-ġdida tal-ġbir tinkorpora l-iskart imħallat, l-iskart riċiklabbli, l-iskart goff, skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (skart-E), ħwejjeġ u skart tal-ġonna b'servizz bieb bieb fix-xifer tal-bankina.

**L-iskeda**

| L-iskart | It-Tnejn | It-Tlieta | L-Erbgħa | Il-Ħamis | Il-Ġimgħa | Is-Sibt | Il-Ħadd | Kummenti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Borża sewda | ✓ | | | ✓ | | ✓ | | Il-ġbir jibda fis-7am |
| Borża bajda | ✓ | | ✓ | | ✓ | | | Il-ġbir jibda fis-7am |
| Borża griża | | ✓ | | | ✓ | | | Il-ġbir jibda fit-8am minn Mejju 2019 Iż-żoni rurali It-Tlieta BISS |
| Ħġieġ | | | | | L-1 ġimgħa ✓ | | | Ġbir fit-8am minn Mejju 2019 |
| Ħġieġ | | | | | It-3 ġimgħa ✓ | | | Ġbir ġdid fi-8am minn Mejju 2019 |
| Skart goff | ✓ | | ✓ | ✓ | | | | Bl-appuntament |
| Skart-WEE goff | | ✓ | | | ✓ | | | Bl-appuntament |
| CA Sit Magħtab | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | 7.30am – 5.30 pm |

Nixtiequ nfakkruk li s-sjieda tal-iskart mormi hija **responsabbiltà tiegħek** sakemm dan jinġabar. Jekk l-iskeda ma tiġix segwita jew wieħed jinqabad jarmi l-iskart tiegħu f'sit differenti, wieħed ikun responsabbli għal multi li jibdew minn **€150 sa €500 skont** ir-**Regolament 10 tal-SL 549.40.**

**Kuntratturi tal-bini/sidien ta' skart li ġej mill-industrija tal-bini bħal residwi tal-bini u kaxxi kbar tal-kartun għandhom jintremew f'sit adattat minn kollettur liċenzjat. Il-Kunsill mhuwiex responsabbli għal tali ġbir. Dan ir-regolament ikopri anke fdalijiet/kartun li ġej minn xogħlijiet żgħar ta' restawr.**

Il-Kunsill huwa impenjat li jtejjeb l-ambjent komuni lil hinn mit-targa tal-bieb tagħna billi jimplimenta l-proċeduri kollha meħtieġa, madankollu dan ma jistax jinkiseb mingħajr il-kontribut u r-responsabbiltà tiegħek. Ir-rimi tal-iskart bl-addoċċ iħeġġeġ, ġrieden, firien u wirdien li jistgħu jispiċċaw fi djarkom. Barra minn hekk, ir-rimi ta' skart b'mod eċċessiv ma jħallix il-viċinat ta' dak li jkun pjaċevoli u jagħmlu anti-soċjali.Grazzi tal-kooperazzjoni tiegħek

Is-Sindku Anne Marie Fenech  Segretarju Eżekuttiv ta' Mariella Strout

Sindku – Mayor : Anne Marie Fenech
Viċi Sindku – Vice Mayor : Daniel Grima Kunsilliera – Councillors : Graziella Galea, Alfred Grima, Paul Bugeja, Mandy Buhagiar, Robert A. Piscopo, Joseph Vella, Antoinette Bezzina, Stephen Cremona, Dounia Borg, Rodney Galea, Edward Bugeja - Segretarju Eżekuttiv : Mariella Strout

A. G.